C/2025/4091

18.7.2025

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ TAL-KUMITAT TA' SORVELJANZA TAL-OLAF — 2024

(C/2025/4091)

Il-membri tal-Kumitat

Is-Sur Angelo Maria Quaglini
President tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF
Membru tal-Kumitat mit-23 ta' Settembru 2022

Imħallef tal-Qorti tal-Awdituri, l-Italja.

Is-Sur Dušan Sterle
Membru tal-Kumitat mit-28 ta' Marzu 2022

Ministru Kunsillier, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, is-Slovenja.

Eks Direttur tal-Uffiċċju tas-Superviżjoni tal-Baġit tar-Repubblika tas-Slovenja, Ministeru għall-Finanzi, is-Slovenja.

Is-Sinj. Marita Salgrāve
Membru tal-Kumitat mit-23 ta' Settembru 2022

Maniġer, INTOSAI IDI (INTOSAI, International Organisation of Supreme Audit Institutions, IDI, INTOSAI Development Initiative), Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar Professjonali u Rilevanti.

Eks Membru tal-Kunsill u Direttur tal-Awditjar, Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar, il-Latvja.

Eks Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ċentrali għall-Finanzi u l-Kuntrattar, Ministeru għall-Finanzi, il-Latvja.

Is-Sinj. Teresa Anjinho
Membru tal-Kumitat mit-23 ta' Settembru 2022 sas-7 ta' Frar 2025

Eks Viċi Ombudsman u Espert Indipendenti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Portugall.

Is-Sur Thierry Cretin
Membru tal-Kumitat mid-9 ta' Settembru 2022 sat-22 ta' Lulju 2024

Eks membru Franċiż tal-ġudikatura (imħallef li jkun imexxi l-kompilazzjoni, viċi prosekutur pubbliku, kap prosekutur). Eks direttur kemm tad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi kif ukoll tad-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni tal-Kummissjoni Ewropea.

Daħla

• Is-sena 2024 kienet sena produttiva ħafna għall-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office). Il-Kumitat indirizza erba' opinjonijiet dettaljati lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF, li inkludew żewġ opinjonijiet dwar is-setgħat tal-OLAF li jwettaq investigazzjonijiet interni. Il-Kumitat ġie kkonsultat ukoll u għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar abbozz rivedut tal-Linji Gwida tal-OLAF dwar Proċeduri ta' Investigazzjoni (GIPs, Guidelines on Investigation Procedures), kif meħtieġ mill-Artikolu 17(8) tar-Regolament (UE, Euratom) 883/2013 (ir-Regolament dwar l-OLAF). Il-Kumitat seta' jwettaq il-kompiti ta' monitoraġġ tiegħu b'livell għoli ta' effiċjenza u dedikazzjoni.

• Fi Frar 2024, il-Kumitat ħareġ l-ewwel opinjoni tiegħu dwar l-investigazzjonijiet komplementari tal-OLAF. L-opinjoni ffukat fuq investigazzjonijiet komplementari mwettqa mill-OLAF minn Ġunju 2021, meta l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) sar operazzjonali. Kienet maħsuba biex tipprovdi fehim aħjar ta' kif qiegħda tiżviluppa l-kooperazzjoni tal-OLAF mal-UPPE. Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kumitat faħħar lill-UPPE kif ukoll lill-OLAF għall-isforzi ġenwini tagħhom biex dan il-mekkaniżmu l-ġdid ikun wieħed ta' suċċess fil-ġlieda kontra l-frodi. Il-Kumitat ħareġ żewġ rakkomandazzjonijiet lill-OLAF biex il-kooperazzjoni u l-iskambji tiegħu mal-UPPE jsiru aktar trasparenti u biex tissaħħaħ il-prattika amministrattiva tajba rilevanti. Minħabba n-natura li qiegħda tevolvi tal-investigazzjonijiet komplementari, il-Kumitat immonitorja wkoll 52 investigazzjoni komplementari tal-OLAF imwettqa fl-2024 u kif ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu ġew implimentati. Dan ir-rapport annwali jipprovdi informazzjoni intuwittiva ulterjuri dwar it-twettiq ta' investigazzjonijiet bħal dawn u r-rwol tagħhom bħala għodda essenzjali fil-kooperazzjoni bejn iż-żewġ pilastri ewlenin tal-arkitettura tal-UE kontra l-frodi, l-OLAF u l-UPPE.

• F'Mejju 2024, il-Kumitat adotta opinjoni dwar l-abbozz tal-baġit preliminari tal-OLAF għall-2025. F'din l-opinjoni, ġie nnotat li l-baġit preliminari tal-OLAF għall-2025 kien żdied b'5 % meta mqabbel mal-2024. Il-Kumitat ikkonkluda li ż-żidiet proposti f'ċerti linji baġitarji uniċi kienu ġġustifikati u kienu f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għat-tfassil tal-abbozz tal-baġit tagħha għall-2025. Il-Kumitat enfasizza wkoll l-importanza li tinżamm il-kapaċità tal-OLAF għall-verifiki fuq il-post u li jinżamm il-baġit tiegħu għat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-opinjoni enfasizzat ukoll il-ħtieġa ta' riżorsi umani suffiċjenti u laqgħet ir-riżorsi addizzjonali allokati għar-rwol tal-OLAF fil-faċilità tal-Ukrajna.

• Żewġ opinjonijiet oħra indirizzaw kwistjonijiet legali li għandhom x'jaqsmu mal-kompetenza investigattiva tal-OLAF. Fl-Opinjoni Nru 4/2024, il-Kumitat eżamina jekk l-OLAF għandux is-setgħa li jinvestiga lill-Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs, Members of the European Parliament) u lill-membri tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji (IBOAs, Institutions, Bodies, Offices and Agencies) għal reati serji relatati mat-twettiq tad-dmirijiet professjonali tagħhom, anke meta r-reati ma jkunux jidhru li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Kumitat ikkonkluda li s-sentenza Dalli kienet stabbiliet li l-OLAF għandu l-kompetenza li jwettaq dawn it-tipi ta' investigazzjonijiet interni u li din il-kompetenza tirriżulta direttament mill-Artikolu 1(4) tar-Regolament dwar l-OLAF. Il-Kumitat ikkunsidra li r-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar l-OLAF tkun mument opportun biex l-Artikolu 1(4) tar-Regolament jiġi allinjat bis-sħiħ mas-sentenza tal-Qorti fil-kawża Dalli. Dan jipprovdi ċarezza akbar u jneħħi dubji dwar il-kompetenza tal-OLAF fit-twettiq ta' investigazzjonijiet interni dwar il-membri tal-IBOAs li ma jaffettwawx l-interessi finanzjarji tal-UE.

• It-tieni opinjoni, li ġiet adottata formalment f'Jannar 2025, iffokat fuq ir-rwol u fuq is-setgħat tal-OLAF fl-investigazzjoni ta' mġiba mhux xierqa u fastidju fi ħdan l-IBOAs. Il-Kumitat eżamina 20 każ ta' fastidju li l-OLAF kien ċaħad (investigazzjonijiet li ma nfetħux) matul l-aħħar 5 snin (2018-2023) kif ukoll 9 investigazzjonijiet dwar fastidju li tlestew matul l-istess perjodu. L-għan tal-opinjoni kien li jiġi vvalutat jekk l-OLAF kienx il-korp ix-xieraq biex iwettaq tali investigazzjonijiet u l-"valur miżjud" li jipprovdu l-interventi tal-OLAF.

• Il-Kumitat kompla u lesta l-analiżi tal-abbozz tal-GIPs. Il-Kumitat adotta l-opinjoni tiegħu formalment f'Novembru 2024. Fil-fehma tal-Kumitat, ir-reviżjoni tal-GIPs hija kompitu importanti ħafna għall-OLAF, peress li din għandha twassal għall-adozzjoni ta' linji gwida aġġornati, dettaljati, ċari u komprensivi. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat iffukaw fuq li tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji li ġejjin: (i) żmien raġonevoli u twettiq kontinwu tal-investigazzjonijiet; (ii) proċess ċar ta' teħid ta' deċiżjonijiet; (iii) applikazzjoni ta' garanziji proċedurali; (iv) trasparenza; u (v) trattament ugwali tal-individwi matul investigazzjonijiet. Il-Kumitat jirringrazzja lill-OLAF għad-djalogu kostruttiv u trasparenti. Madankollu, huwa mħasseb fuq it-tħabbira li saret fil-bidu tal-2025 li l-adozzjoni tal-verżjoni finali tal-GIPs kienet ġiet posposta. Il-Kumitat iqis dan id-dewmien bħala mhux iġġustifikat, minħabba l-progress sinifikanti li diġà sar mill-OLAF u ż-żmien u l-isforz konsiderevoli diġà investiti, mill-OLAF u mill-partijiet ikkonċernati kollha li pprovdew kontribut siewi għar-reviżjoni.

Il-Kumitat kompla jimmonitorja d-durata tal-investigazzjoni tal-OLAF, li r-riżultati tagħha huma inklużi f'dan ir-rapport annwali.

Ta' min jinnota wkoll li f'Lulju 2024, irriżenja membru tal-Kumitat, u l-Kumitat kompla l-attività tiegħu b'erba' membri sa Diċembru 2024.

Bħala kumment finali, nixtieq, f'isem il-membri, nirringrazzja lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF għall-approċċ miftuħ u kostruttiv tiegħu u għall-iskambji mal-Kumitat, u nixtieq nirrikonoxxi wkoll l-appoġġ siewi li l-membri tas-Segretarjat, li jaġixxu taħt il-ġestjoni tal-kap tiegħu, taw lill-Kumitat.

Angelo Maria Quaglini

President tal-Kumitat ta' Sorveljanza

Werrej

Daħla 2

1. Il-Kumitat fil-qosor 5

2. Attivitajiet ta' monitoraġġ 6

2.1 *Opinjoni 1/2024 dwar l-investigazzjonijiet komplementari tal-OLAF u tal-UPPE u l-eżerċizzju annwali ta' segwitu* 6

2.2 *Il-monitoraġġ tal-baġit u tar-riżorsi tal-OLAF: Opinjoni Nru 2/2024 – Abbozz preliminari tal-baġit tal-OLAF għall-2025* 8

2.3 *Opinjoni 3/2024 - Linji Gwida tal-OLAF dwar il-Proċeduri ta' Investigazzjoni (GIPs)* 9

2.4 *Opinjoni Nru 4/2024 - OLAF's power to conduct internal investigations: the case of members of EU institutions* 11

2.5 *Abbozz ta' Opinjoni dwar l-investigazzjonijiet interni tal-OLAF dwar fastidju fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-UE (IBOAs)* 14

2.6 *Monitoraġġ tad-durata tal-investigazzjonijiet tal-OLAF* 16

2.6.1 *Rapporti ta' investigazzjonijiet li damu aktar minn 12-il xahar riċevuti mill-Kumitat fl-2024* 16

2.6.2 *Monitoraġġ tal-investigazzjonijiet tal-OLAF li damu aktar minn 36 xahar fl-2024* 17

2.7 *Monitoraġġ tal-kumitat tal-ilmenti individwali sottomessi lill-OLAF* 21

3 Kooperazzjoni 21

3.1 *Kooperazzjoni mal-OLAF* 21

3.2 *Relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati* 22

4 Amministrazzjoni u riżorsi 22

4.1 *Metodi ta' ħidma tal-Kumitat ta' Sorveljanza* 22

4.2 *Is-Segretarjat* 23

4.3 *Kwistjonijiet baġitarji* 23

1. **Il-Kumitat fil-qosor**

1. Il-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office européen de lutte antifraude) ("il-Kumitat") huwa korp indipendenti stabbilit bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 ([1]) (ir-"Regolament dwar l-OLAF") sabiex isaħħaħ u jiggarantixxi l-indipendenza tal-OLAF billi jimmonitorja regolarment l-implimentazzjoni tal-funzjoni investigattiva tal-OLAF.

2. Il-Kumitat huwa magħmul minn ħames esperti indipendenti u esterni ("il-membri"), li jinħatru għal 5 snin ([2]) bi qbil komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea. Il-membri jwettqu r-rwol tagħhom f'indipendenza sħiħa u la jistgħu jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mingħand kwalunkwe gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE. Il-Kumitat huwa appoġġat fil-ħidma tiegħu minn Segretarjat, ipprovdut mill-Kummissjoni, li jaħdem fuq bażi permanenti taħt l-awtorità diretta tal-Kumitat, indipendentement mill-Kummissjoni, mill-OLAF jew minn kwalunkwe korp ieħor. Is-Segretarjat għandu rwol ewlieni fil-faċilitar u fil-kontribuzzjoni għall-kompiti ta' monitoraġġ tal-Kumitat.

3. Minħabba n-natura tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, ma huwa possibbli li jsir l-ebda rikors għall-qrati tal-UE kontra deċiżjoni li tinfetaħ jew li tingħalaq investigazzjoni magħmula mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF ([3]). Dan ifisser li, flimkien mal-Kontrollur tal-garanziji proċedurali (li jittratta l-ilmenti kontra l-OLAF għal nuqqas ta' konformità mal-garanziji proċedurali u mar-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet) ([4]), il-Kumitat għandu rwol kruċjali bħala korp indipendenti fdat bis-superviżjoni u bl-iskrutinju tal-mod kif l-OLAF iwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu. Dan ipoġġi lill-Kumitat f'pożizzjoni privileġġata, peress li jipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-UE b'informazzjoni intuwittiva dwar il-funzjonament tal-OLAF u jipprovdi garanzija li l-OLAF qiegħed jaġixxi fil-limiti tal-legalità u f'konformità mal-garanziji proċedurali applikabbli.

4. Skont ir-Regolament dwar l-OLAF, il-Kumitat huwa fdat bi rwol triplu: (i) il-monitoraġġ regolari tal-funzjoni investigattiva tal-OLAF; (ii) li jassisti lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu; u (iii) li jirraporta quddiem l-istituzzjonijiet tal-UE.

5. B'mod partikolari, billi jimmonitorja regolarment l-investigazzjonijiet tal-OLAF, il-Kumitat ifittex li jiżgura li:

   (i) ma jkun hemm l-ebda interferenza esterna fil-funzjoni investigattiva tal-OLAF;

   (ii) id-deċiżjonijiet rilevanti kollha tad-Direttur Ġenerali jiġu adottati skont il-prinċipji tal-legalità u tal-imparzjalità u jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-garanziji proċedurali ([5]).

6. Il-ħidma tal-Kumitat tinkludi: (i) li jindirizza **opinjonijiet** lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF u, fejn xieraq, **rakkomandazzjonijiet** dwar l-attivitajiet investigattivi tal-OLAF, id-durata tal-investigazzjonijiet tiegħu, u r-riżorsi meħtieġa mill-OLAF biex iwettaq dawk l-investigazzjonijiet; u (ii) li jifformula **osservazzjonijiet** dwar l-abbozz tal-linji gwida tal-OLAF dwar proċeduri ta' investigazzjoni (GIPs). Meta joħroġ l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, il-Kumitat qatt ma jinterferixxi mat-twettiq tal-investigazzjonijiet tal-OLAF li jkunu għaddejjin.

([1]) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1) kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2016/2030 u r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223. Disponibbli fuq https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02013R0883-20210117.

([2]) Biex tinżamm l-esperjenza li nbniet fil-Kumitat, il-membri huma sostitwiti fuq bażi li talterna, f'konformità mar-Regolament dwar l-OLAF.

([3]) Il-Kawża T-658/17, Stichting Against Child Trafficking vs Il-Kummissjoni, ECLI:EU:T:2018:799.

([4]) Ara l-Artikolu 9a(8) tar-Regolament dwar l-OLAF.

([5]) https://www.europarl.europa.eu/charter/pdf/text_en.pdf.

2. **Attivitajiet ta' monitoraġġ**

7. Matul is-sena ta' rappurtar, il-Kumitat indirizza erba' opinjonijiet lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar l-OLAF. Dawn jistabbilixxu għadd ta' rakkomandazzjonijiet. Abbażi tal-Artikolu 17(8) tar-Regolament dwar l-OLAF, il-Kumitat ġie kkonsultat ukoll u għamel osservazzjonijiet dwar l-abbozz rivedut tal-GIPs tal-OLAF ([6]). Il-Kumitat kompla wkoll jimmonitorja d-durata tal-investigazzjonijiet tal-OLAF u l-applikazzjoni ta' garanziji proċedurali.

2.1 ***Opinjoni 1/2024 dwar l-investigazzjonijiet komplementari tal-OLAF u tal-UPPE u l-eżerċizzju annwali ta' segwitu***

8. Fi Frar 2024, il-Kumitat adotta l-Opinjoni 1/2024 ([7]) dwar l-investigazzjonijiet komplementari tal-OLAF. L-opinjoni kienet ibbażata fuq l-ewwel analiżi ta' 70 investigazzjoni komplementari mwettqa mill-OLAF minn Ġunju 2021, meta l-UPPE sar operazzjonali. Minn dawn is-70 investigazzjoni, il-Kumitat wettaq analiżi fil-fond ta' 40 investigazzjoni li diġà kienu ngħalqu mill-OLAF.

9. Il-Kumitat faħħar kemm lill-UPPE kif ukoll lill-OLAF għall-isforzi ġenwini tagħhom biex dan il-mekkaniżmu l-ġdid ikun wieħed ta' suċċess fil-ġlieda kontra l-frodi. L-analiżi mwettqa mill-Kumitat indikat l-impenn u l-attitudni professjonali taż-żewġ partijiet.

10. Abbażi tal-analiżi ta' dawn l-40 investigazzjoni komplementari magħluqa, il-Kumitat ħareġ żewġ rakkomandazzjonijiet lill-OLAF. Fl-ewwel waħda, irrakkomanda li l-OLAF dejjem juża l-formoli u l-mudelli maqbula mal-UPPE meta jwettaq proposta għall-ftuħ ta' investigazzjoni komplementari anke meta l-UPPE jkun diġà informa b'mod informali lill-OLAF li se joġġezzjona għaliha. Huwa rrakkomanda wkoll li din il-prattika tiġi riflessa fil-GIPs riveduti li ġejjin tal-OLAF. L-għan ta' dawn iż-żewġ rakkomandazzjonijiet kien li jissaħħu t-trasparenza u l-prattika amministrattiva tajba fil-kooperazzjoni u fl-iskambji bejn l-OLAF u l-UPPE.

11. Minħabba n-natura li qiegħda tevolvi tal-investigazzjonijiet komplementari, il-Kumitat iddeċieda, minn dan ir-rapport annwali, li jimmonitorja l-investigazzjonijiet komplementari tal-OLAF fuq bażi annwali kif ukoll l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet biex jipprovdi għarfien ulterjuri dwar it-twettiq ta' tali investigazzjonijiet u r-rwol tagħhom bħala għodda essenzjali fil-kooperazzjoni bejn iż-żewġ pilastri ewlenin tal-arkitettura tal-UE kontra l-frodi, l-OLAF u l-UPPE.

Investigazzjonijiet komplementari tal-OLAF fl-2024

12. F'Settembru 2024, il-Kumitat talab lill-OLAF jipprovdi lista ta' investigazzjonijiet komplementari li nfetħu jew li ngħalqu fl-2024. L-OLAF irrapporta 52 investigazzjoni komplementari fl-2024, li minnhom il-Kumitat aċċessa u analizza 24. F'Diċembru 2024, l-OLAF ipprovda informazzjoni ulterjuri dwar il-25 każ li kien fadal, li kienu ilhom miftuħin inqas minn sena u għalhekk ma kinux aċċessibbli ([8]) għall-Kumitat fl-OCM (OCM, OLAF Content Management) (is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF). L-OLAF żied ukoll tliet każijiet ġodda, li nfetħu wara t-talba inizjali f'Settembru 2024 ([9]).

([6]) Opinjoni tal-Kumitat ta' Sorveljanza Nru 3/2024 - Guidelines on investigation procedures, disponibbli fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/cdd642c0-2339-48e4-89c4-3041316bef1f_en?filename=Opinion%20GIPs%2013.11.24_NON-CONFIDENTIAL.pdf.

([7]) Opinjoni tal-Kumitat ta' Sorveljanza Nru 1/2024 - Complementary investigations of OLAF and the EPPO hija disponibbli fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/9017a135-fe82-4471-84fc-eb7030379e3a_en?filename=Opinion%20on%20CI%20-%20non%20confidential%20v.pdf.

([8]) Skont l-Artikolu 7(8) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(5)(d) tar-Regolament dwar l-OLAF, il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu aċċess għal investigazzjonijiet li jdumu aktar minn 12-il xahar.

([9]) Il-Kumitat ta' Sorveljanza talab il-lista tal-Investigazzjonijiet Komplementari kollha, li nfetħu u li ngħalqu fl-2024 (minn Jannar sa Diċembru) u l-aċċess għall-fajls tal-każijiet rispettivi fl-OCM fis-16 ta' Settembru 2024.

13. Mit-52 investigazzjoni komplementari analizzati mill-Kumitat għall-2024, 32 minnhom kienu investigazzjonijiet li kienu għadhom kif infetħu u 20 minnhom ingħalqu. Fit-18-il investigazzjoni magħluqa, l-OLAF ippropona l-irkupru ta' madwar EUR 160 miljun. Fiż-żewġ investigazzjonijiet magħluqa li kien fadal, l-OLAF ħareġ rakkomandazzjonijiet dixxiplinari u amministrattivi.

Analiżi

14. Il-Kumitat jinnota li minn 52 investigazzjoni komplementari, 32 inbdew mill-UPPE u 20 mill-OLAF.

15. Minn 32 investigazzjoni komplementari mibdija mill-UPPE, 22 kienu mill-Prosekuturi Delegati Ewropej Rumeni (EDPs, European Delegated Prosecutors). L-10 investigazzjonijiet li kien fadal mibdija mill-UPPE nfetħu fuq talba tal-EDPs minn 4 Stati Membri differenti: FR (2 każijiet), LT (3), ES (4) u CZ (1). Finalment, l-20 każ li nfetħu mill-OLAF kienu mqassma kif ġej: CZ (4 każijiet), SK (3 każijiet), CR, HU (2 każijiet), BE, BG, DE, ET, GR, IT, LT, RO (u SIT (SIT, Special Investigative Team) ([10])) (każ 1).

16. Infetħu 37 investigazzjoni bħala komplementari mill-bidu u 15 ġew riklassifikati bħala investigazzjonijiet komplementari. Jekk investigazzjoni tinfetaħx bħala komplementari mill-bidu jew tiġix riklassifikata bħala tali fi stadju aktar tard jidher li għandu effett fuq id-durata ġenerali tagħha, kif muri hawn taħt (ara l-paragrafi 23 sa 27).

17. Il-Kumitat jinnota li l-ebda proposta mill-OLAF biex tinfetaħ investigazzjoni komplementari ma ġiet miċħuda formalment mill-UPPE, u dan jista' titqies bħala indikazzjoni ta' livell tajjeb ħafna ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ partijiet. Ma hemm xejn ukoll li jissuġġerixxi lill-Kumitat li n-nuqqas ta' kwalunkwe rifjut formali bħal dan jista' jkun ir-riżultat ta' skambji informali preċedenti bejn l-OLAF u l-UPPE, fejn dan tal-aħħar kien ikun diġà indika l-oġġezzjonijiet tiegħu lill-OLAF, li kieku l-OLAF ikun għamel talba bħal din. L-OLAF informa lill-Kumitat li hemm rieda li jiġu esplorati għażliet dwar kif jiġi ssimplifikat il-proċess għad-diskussjoni ta' proposti għal investigazzjonijiet komplementari potenzjali.

L-ewwel rakkomandazzjoni: użu ta' formoli

18. Waħda mis-sejbiet tal-Kumitat fl-Opinjoni 1/2024 kienet li, fil-prattika, jekk matul skambji informali preċedenti, l-UPPE kellu joġġezzjona għall-intenzjoni tal-OLAF li jiftaħ investigazzjoni komplementari, l-OLAF ma jagħmilx talba formali bil-miktub f'dak ir-rigward. Dan ifisser li, b'riżultat ta' dan, ma jkun hemm l-ebda traċċa formali tal-proposta tal-OLAF jew tal-oġġezzjonijiet tal-UPPE għaliha. Għal dik ir-raġuni, il-Kumitat irrakkomanda li l-OLAF dejjem jagħmel proposta formali bil-miktub meta jfittex li jiftaħ investigazzjoni komplementari, bl-użu tal-formoli u l-mudelli diġà maqbula mal-UPPE. Dan se jiżgura: (a) il-konformità mal-prinċipju tat-trasparenza; u (b) l-effettività tal-monitoraġġ tal-Kumitat tal-funzjoni investigattiva tal-OLAF.

19. Il-Kumitat sab li, minn 52 każ, fi 23 każ intużaw il-formoli tat-talbiet ix-xierqa. Fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet, mill-inqas parti waħda segwiet il-proċedura formali biex tikkomunika mal-parti l-oħra. F'xi wħud mill-każijiet li kien fadal, it-talba saret permezz ta' ittra sempliċi mingħajr l-użu tal-formola x-xierqa, jew it-tweġiba għal talba formali ntbagħtet permezz ta' posta elettronika sempliċi jew it-tweġiba saret bil-fomm.

20. Fi 11-il każ, l-OLAF uża l-formoli x-xierqa biex jitlob il-ftuħ ta' investigazzjoni komplementari, filwaqt li dan mhux dejjem sar mill-UPPE, għalkemm il-prattika tiegħu kienet qiegħda titjieb b'mod kostanti matul is-sena.

It-tieni rakkomandazzjoni: segwitu ta' din il-proċedura fil-GIPs

21. It-tieni rakkomandazzjoni, li ssegwi mill-ewwel waħda, kienet li l-OLAF għandu jiżgura l-GIPs riveduti li ġejjin tiegħu jirrakkomandaw l-użu tal-formoli u tal-mudelli maqbula mal-UPPE biex issir proposta biex tinfetaħ investigazzjoni komplementari.

([10]) SIT – Tim Speċjali ta' Investigazzjoni.

22. Dwar din il-kwistjoni, fil-kummenti tiegħu fl-Opinjoni Nru 1/2024, l-OLAF impenja ruħu li jesplora flimkien mal-UPPE kif jissimplifika l-proċess għad-diskussjoni tal-proposti għal investigazzjonijiet komplementari potenzjali u jiżgura li dan ikun formali u trasparenti.

Durata

23. Fl-Opinjoni 1/2024 tiegħu, il-Kumitat sab li d-durata ta' 75 % tal-investigazzjonijiet komplementari magħluqin kienet ta' inqas minn sena (medja ta' 8 xhur). Fi ftit każijiet (10 - 20 %), id-durata qabżet is-sena minħabba raġunijiet oġġettivi, bħan-natura partikolarment kumplessa tal-kwistjonijiet taħt investigazzjoni, inkluż l-għadd kbir ta' persuni kkonċernati u/jew il-pajjiżi involuti.

24. Fil-każijiet analizzati minn dak iż-żmien, il-Kumitat sab differenza bejn l-investigazzjonijiet miftuħin mill-bidu bħala investigazzjonijiet komplementari u dawk li ġew riklassifikati bħala komplementari, spiss fi stadju investigattiv aktar tard u aktar avvanzat.

25. F'dan il-każ tal-aħħar, l-OLAF ilesti l-investigazzjoni tiegħu fi żmien ftit xhur (jew jiem f'xi każijiet) wara li l-UPPE jkun aċċetta l-proposta tal-OLAF biex jiftaħ investigazzjoni komplementari. L-istadju avvanzat tal-investigazzjoni inizjali tal-UPPE, li spiss jinkludi ammont konsiderevoli ta' informazzjoni diġà miġbura f'attivitajiet forensiċi u verifiki fuq il-post imwettqa qabel ma l-investigazzjoni ġiet riklassifikata bħala komplementari, jistgħu jkunu r-raġunijiet ewlenin għall-għeluq rapidu.

26. B'kuntrast għal dan, jekk investigazzjoni nfetħet bħala investigazzjoni komplementari mill-bidu, id-durata medja tagħha kienet itwal (381 jum), u saħansitra itwal minn sentejn f'każijiet aktar kumplessi.

27. Fl-2024, id-durata medja ta' investigazzjonijiet komplementari tal-OLAF riklassifikati u esterni ([11]) kienet ta' 12-il xahar, u dan huwa inqas mid-durata medja ta' investigazzjonijiet oħrajn tal-OLAF (24 xahar). Il-biċċa l-kbira tal-investigazzjonijiet komplementari fl-2024 ma kellhom l-ebda interruzzjoni mhux iġġustifikata, u dan juri approċċ effiċjenti u kooperattiv mill-UPPE u mill-OLAF.

2.2 *Il-monitoraġġ tal-baġit u tar-riżorsi tal-OLAF: Opinjoni Nru 2/2024 – Abbozz preliminari tal-baġit tal-OLAF għall-2025*

28. Kull sena, il-Kumitat jadotta opinjoni dwar l-abbozz preliminari tal-baġit tal-OLAF biex jipprovdi assigurazzjoni lill-istituzzjonijiet tal-UE li l-abbozz tal-baġit jippreżerva l-indipendenza tal-funzjoni investigattiva tal-OLAF. B'mod aktar speċifiku, l-opinjoni tal-Kumitat teżamina jekk l-OLAF għandux biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex iżid il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, u biex iwettaq il-kompiti assenjati lilu b'mod effettiv.

29. Fil-15 ta' Mejju 2024, il-Kumitat ħareġ l-Opinjoni 2/2024 dwar l-abbozz preliminari tal-baġit tal-OLAF għall-2025. F'din l-opinjoni, ġie nnotat li l-baġit preliminari tal-OLAF żdied b'5 % fuq il-baġit tal-2024. Iż-żidiet proposti f'ċerti linji baġitarji uniċi kienu ġġustifikati kif xieraq u f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għat-tfassil tal-abbozz tal-baġit tagħha għall-2025.

30. Huwa u jindirizza l-linja baġitarja tal-OLAF għall-"kostijiet tal-missjonijiet u tar-rappreżentazzjoni", il-Kumitat innota l-importanza tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li d-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni japplikaw tnaqqis lineari ta' 20 % għall-missjonijiet u għal-laqgħat fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku. Madankollu, il-Kumitat laqa' l-fatt li l-baġit tal-OLAF għall-"kostijiet tal-missjonijiet u tar-rappreżentazzjoni" jibqa' fl-istess livell bħal fl-2024, u b'hekk jippreżerva l-kapaċità essenzjali tal-OLAF li jwettaq verifiki fuq il-post fl-UE u barra minnha bħala parti mill-investigazzjonijiet tiegħu.

31. Il-Kumitat laqa' wkoll il-fatt li l-baġit tal-OLAF għat-"Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni", baqa' fl-istess livell bħal fl-2024. Wara snin ta' żidiet sostanzjali suċċessivi, il-fehma tal-Kumitat kienet li n-nefqa tal-OLAF fuq l-OCM issa tkun għal skopijiet ta' manutenzjoni aktar milli għal żvilupp ulterjuri.

([11]) Id-durata medja tal-investigazzjonijiet tal-OLAF hija kkalkolata mill-perjodu bejn l-aċċettazzjoni tat-talba għal investigazzjoni komplementari u l-għeluq tal-investigazzjoni amministrattiva mill-OLAF. F'xi każijiet, l-UPPE jkompli l-investigazzjoni kriminali.

32. Meta indirizza r-riżorsi umani tal-OLAF, il-Kumitat dejjem sostna li huwa ta' importanza kbira għall-OLAF li jkollu biżżejjed riżorsi umani għad-dispożizzjoni tiegħu biex iżomm livell ta' prestazzjoni għolja. Għalhekk, il-Kumitat laqa' l-fatt li ma kien ippjanat l-ebda tnaqqis ieħor għall-2025 fit-tabella tal-persunal tal-OLAF, u li l-OLAF jingħata wkoll riżorsi addizzjonali minħabba r-rwol mistenni tiegħu taħt il-faċilità tal-Ukrajna, iffinanzjati minn dan l-istrument.

33. Il-Kumitat indika li karatteristika importanti tal-baġit tal-OLAF hija l-istruttura interkonnessa tiegħu, li tippermettilu jagħmel trasferimenti baġitarji "interni" fost il-linji baġitarji differenti tiegħu mingħajr ma jitlob permess mingħand l-awtorità baġitarja tal-UE. Din il-possibbiltà ppermettiet lill-OLAF iwieġeb għal avvenimenti u sfidi mhux previsti fil-passat u li jimmaniġġa l-baġit tiegħu bi grad ogħla ta' flessibbiltà minn kwalunkwe Direttorat Ġenerali ieħor tal-Kummissjoni. Il-Kumitat dejjem kien favur l-awtonomija tal-OLAF fil-ġestjoni tal-baġit, bħala garanzija addizzjonali (baġitarja) tal-indipendenza tiegħu.

34. Madankollu, il-Kumitat saħaq fuq l-importanza li l-OLAF dejjem jimmaniġġja l-baġit tiegħu b'mod li kemm jista' jkun jirrispetta l-prinċipji baġitarji ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 38 tar-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji u applikabbli għall-baġit ġenerali tal-UE, inklużi l-prinċipji ta' trasparenza u speċifikazzjoni.

2.3 *Opinjoni 3/2024 - Linji Gwida tal-OLAF dwar il-Proċeduri ta' Investigazzjoni (GIPs)*

35. B'reazzjoni għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF, l-OLAF iddeċieda li jemenda l-GIPs eżistenti biex jittrasponi d-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolament f'linji gwida interni ġodda u li jistabbilixxi qafas ċar u koerenti għall-attivitajiet kollha ta' investigazzjoni, appoġġ u koordinazzjoni. Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-OLAF, il-GIPs jiġu adottati mid-Direttur Ġenerali, wara li l-Kumitat ta' Sorveljanza jkun ingħata l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu. F'dan il-kuntest, l-OLAF spjega lill-Kumitat li dan il-proċess ta' rieżami twettaq f'żewġ fażijiet distinti.

36. Matul l-ewwel fażi, id-Direttur Ġenerali tal-OLAF wettaq reviżjoni parzjali, li kienet limitata għal dak li kien strettament meħtieġ biex il-GIPs jiġu allinjati mal-emendi introdotti mir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 u mal-bidu operazzjonali tal-UPPE. Dik il-fażi ġiet iffinalizzata, u l-GIPs il-ġodda daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Ottubru 2021. Fl-osservazzjonijiet tiegħu lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF dwar ir-rieżami tal-GIPs tas-17 ta' Awwissu 2022, il-Kumitat għamilha ċara li kien se joħroġ biss opinjoni dwar il-GIPs riveduti meta t-tieni fażi tal-proċess ta' rieżami tkun tlestiet ([12]).

37. Fit-tieni stadju u dak kurrenti tar-rieżami, l-OLAF wettaq proċess ta' reviżjoni aktar komprensiv, li inkluda: kwistjonijiet indirizzati minn struzzjonijiet u linji gwida interni oħrajn tal-OLAF; prattiki stabbiliti permezz tal-kooperazzjoni tal-OLAF mal-UPPE; rakkomandazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati tal-OLAF; u kwistjonijiet identifikati mill-persunal tal-OLAF matul is-snin.

38. Fl-24 ta' Novembru 2023, l-OLAF issottometta l-verżjoni finali riveduta tal-abbozz tal-GIPs lill-Kumitat ta' Sorveljanza għall-osservazzjonijiet formali tiegħu. Bħala parti minn din il-konsultazzjoni formali, sar skambju kostruttiv ta' fehmiet bejn l-OLAF u l-Kumitat, li beda fit-tieni nofs tal-2023 u kompla matul il-perjodu tar-rapportar. L-Opinjoni Nru 3/2024 tal-Kumitat ta' Sorveljanza dwar il-GIPs tal-OLAF, ġiet adottata mill-Kumitat fil-laqgħa plenarja tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2024 u ġiet ippubblikata fit-12 ta' Novembru 2024 ([13]).

39. Fl-Opinjoni, il-Kumitat ipprovda l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF qabel l-adozzjoni tal-GIPs f'konformità mal-Artikolu 17(8) tar-Regolament dwar l-OLAF.

([12]) L-aħħar sentenza tal-Artikolu 17(8) tar-Regolament dwar l-OLAF.

([13]) Opinjoni Nru 3/2024 tal-Kumitat ta' Sorveljanza - OLAF Guidelines on investigation procedures, hija disponibbli fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/cdd642c0-2339-48e4-89c4-3041316bef1f_en?filename=Opinion%20GIPs%2013.11.24_NON-CONFIDENTIAL.pdf.

40. Għall-Kumitat, kif diġà ġie ddikjarat f'opinjonijiet preċedenti ([14]), huwa essenzjali li l-GIPs il-ġodda jkunu bbażati fuq rieżami fil-fond u komprensiv tal-linji gwida u fuq l-istruzzjonijiet interni kollha l-oħrajn eżistenti tal-OLAF. Dan huwa importanti minħabba li l-GIPs huma l-uniċi linji gwida, struzzjonijiet jew manwali li r-Regolament dwar l-OLAF jirrikjedi li l-OLAF jagħmel pubbliku ([15]), u b'hekk huma parti essenzjali fl-iżgurar tal-grad meħtieġ ta' trasparenza u ċertezza legali fir-rigward tal-persuni taħt investigazzjoni.

41. F'dan il-kuntest, il-Kumitat irrikonoxxa l-progress li sar biex l-investigaturi jiġu pprovduti b'sett rivedut ta' linji gwida, iżda kkunsidra li l-abbozz tal-GIPs li kien ġie ppreżentat u eżaminat jista' jittejjeb ulterjorment. Fil-fehma tal-Kumitat, linji gwida ta' investigazzjoni komprensivi, estensivi u dettaljati se jwasslu aħjar il-benefiċċji taż-żamma ta' prinċipji bħal: (i) żmien raġonevoli u twettiq kontinwat ta' investigazzjonijiet; (ii) proċess ċar ta' teħid ta' deċiżjonijiet; (iii) applikazzjoni ta' garanziji proċedurali; (iv) trasparenza; u (v) it-trattament ugwali tal-individwi matul l-investigazzjoni.

42. Il-Kumitat għamel rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti prattiċi u ssostanzjati bir-reqqa, b'mod partikolari dwar il-punti li ġejjin:

(i) Durata tal-investigazzjonijiet. Il-Kumitat indirizza diversi aspetti, inklużi: l-ippjanar tal-investigazzjonijiet; perjodi mhux ġustifikati ta' inattività; twettiq ta' investigazzjonijiet b'mod kontinwu; mekkaniżmi għall-iskrutinju tad-durata tal-investigazzjonijiet; obbligu ta' rappurtar lill-Kumitat; u perjodu raġonevoli għall-investigazzjoni, li għandu jkun proporzjonat għall-kumplessità u ċ-ċirkostanzi tal-każ;

(ii) Indipendenza tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet kienu jikkonċernaw l-istrutturar tar-regoli u d-deskrizzjoni tal-prinċipji li jirregolaw it-trasparenza, id-dokumentazzjoni, il-konsultazzjoni u l-kollaborazzjoni matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'attenzjoni speċifika għad-delega tas-setgħat u r-responsabbiltajiet ġerarkiċi;

(iii) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjonijiet, fid-dawl tad-dritt tad-difiża u tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet prinċipalment jindirizzaw il-ħtieġa li tiġi ġġustifikata kwalunkwe bidla fil-kamp ta' applikazzjoni ta' investigazzjoni u li kwalunkwe bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tiġi soġġetta għall-istess regoli ta' evalwazzjoni bħal dawk meħtieġa għall-ftuħ ta' investigazzjoni;

(iv) Il-kunċett ta' "suspett suffiċjenti" għall-ftuħ ta' investigazzjoni, b'attenzjoni speċifika mogħtija lid-diversi sorsi ta' informazzjoni li tidħol u lill-attivitajiet matul il-proċess tal-għażla;

(v) Il-prinċipju ta' trattament ugwali fit-twettiq tal-investigazzjoni. Dan huwa prinċipalment biex jiġi inkorporat il-prinċipju ta' investigazzjoni bir-reqqa fil-GIPs u biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-kriterji użati biex jiġi ddeterminat jekk persuna tistax titqies bħala "persuna kkonċernata";

(vi) Ir-rispett għall-"ħajja privata" u għall-"konverżazzjonijiet bit-telefown" ta' kulħadd;

(vii) Id-dritt għaċ-ċertezza legali, b'enfasi partikolari fuq il-klassifikazzjoni tal-investigazzjonijiet u tal-każijiet;

(viii) Il-proċedura konsultattiva u ta' kontroll intern u l-ħtieġa li din tissaħħaħ.

43. Il-Kumitat stieden ukoll lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF biex iwettaq rieżami bir-reqqa u jaġġorna l-istruzzjonijiet u n-noti ta' gwida interni li jissupplimentaw lill-GIPs biex jiġu żgurati r-rilevanza, l-allinjament mal-GIPs u l-faċilità tal-użu għall-utent tagħhom, u biex il-Kumitat jiġi informat dwar l-eżitu ta' dan il-proċess.

([14]) L-osservazzjonijiet tal-Kumitat lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF dwar ir-reviżjoni tal-GIPs tas-17 ta' Awwissu 2021 u l-Opinjoni Nru 2/2017 dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-OLAF.

([15]) L-aħħar sentenza tal-Artikolu 17(8) tar-Regolament dwar l-OLAF tistabbilixxi li dawk il-linji gwida se jiġu "ppubblikati għal skopijiet ta' informazzjoni fuq is-sit web tal-Uffiċċju bil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni".

44. Għall-Kumitat, linji gwida dettaljati u prattiċi, kif meħtieġ skont ir-Regolament dwar l-OLAF, huma strumentali biex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet isegwu l-valuri ewlenin u l-integrità operazzjonali tal-OLAF.

45. Hija l-fehma tal-Kumitat li l-GIPs jibbenefikaw b'mod sinifikanti meta jsegwu r-rakkomandazzjonijiet u l-osservazzjonijiet ippreżentati fl-Opinjoni tiegħu.

46. F'Marzu 2025, id-Direttur Ġenerali tal-OLAF informa lill-Kumitat li, għalkemm ġiet iffinalizzata r-reviżjoni tal-GIPs, l-adozzjoni tat-test finali ġiet ittardjata minħabba diskussjonijiet kontinwi dwar l-arkitettura tal-UE kontra l-frodi u l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-OLAF.

47. Il-Kumitat jesprimi d-dispjaċir tiegħu dwar il-posponiment tal-adozzjoni tal-verżjoni finali tal-GIPs u jqis li d-dewmien ma huwiex ġustifikat minħabba l-progress sinifikanti li diġà nkiseb mill-OLAF u l-ħin u l-isforz konsiderevoli investiti sa issa mill-OLAF u mill-partijiet ikkonċernati kollha li għamlu kontribuzzjonijiet siewja għar-reviżjoni.

48. Il-Kumitat iqis li linji gwida dettaljati u prattiċi, kif meħtieġ skont ir-Regolament dwar l-OLAF, huma strumentali biex jiżguraw li l-ħidma investigattiva ssegwi l-valuri ewlenin u l-integrità operazzjonali tal-OLAF. Il-fehma tal-Kumitat hija li d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-arkitettura kontra l-frodi u l-evalwazzjoni tal-UE tar-Regolament dwar l-OLAF ma għandux ikollhom impatt fuq l-adozzjoni tal-GIPs diġà ffinalizzati.

2.4 ***Opinjoni Nru 4/2024 - OLAF's power to conduct internal investigations: the case of members of EU institutions***

49. Fi Frar 2023, id-Direttur Ġenerali tal-OLAF bagħat lill-Kumitat il-korrispondenza bejnu u bejn il-President tal-Parlament Ewropew (minn Marzu 2020 sa Settembru 2023) dwar il-kwistjoni tas-setgħat tal-OLAF biex jinvestiga lill-Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs). Id-Direttur Ġenerali tal-OLAF informa lill-Kumitat b'ċerti diffikultajiet li l-OLAF kien qiegħed jiltaqa' magħhom biex jinvestiga allegati każijiet ta' kondotta ħażina serja minn MEPs li bħala tali ma affettwatx l-interessi finanzjarji tal-UE, inklużi diffikultajiet fl-aċċess għall-uffiċċji tal-MEPs u għat-tagħmir tal-IT tagħhom (laptops), fost kwistjonijiet oħra. Għalkemm l-OLAF seta' jinvestiga lill-assistenti parlamentari u lil persunal ieħor tal-Parlament Ewropew ("Parlament") bħala "persuni kkonċernati", ma kienx f'pożizzjoni li jwettaq xi attività investigattiva li tinvolvi MEP mingħajr l-awtorizzazzjoni mill-Parlament. Il-pożizzjoni tal-Parlament kienet li r-Regolament dwar l-OLAF ma jagħtix is-setgħa lill-OLAF biex jinvestiga kwistjonijiet li ma humiex relatati mal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, bħall-konformità tal-MEPs mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Parlament.

50. Għalhekk, il-Kumitat iddeċieda li joħroġ opinjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament ([16]) biex jiċċara r-regoli applikabbli għall-investigazzjonijiet interni mill-OLAF li jinvolvu membri tal-istituzzjonijiet tal-UE b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-MEPs. Fl-opinjoni tiegħu, il-Kumitat eżamina l-kwistjoni ewlenija ta' jekk l-OLAF għandux is-setgħa li jinvestiga lill-MEPs u lill-membri tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji (IBOAs) għal reati serji relatati mat-twettiq tad-dmirijiet professjonali tagħhom li jidhru li ma jaffettwawx l-interessi finanzjarji tal-UE (imsejħa "kwistjonijiet mhux relatati mal-PIF" (PIF, Protection des Intérêts Financiers)) ([17]). Huwa eżamina wkoll ir-rilevanza tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Parlament għall-MEPs, l-Istatut tal-MEPs u l-immunità tagħhom għall-finijiet tal-investigazzjonijiet interni tal-OLAF. Finalment, għall-finijiet ta' kompletezza, l-opinjoni vvalutat ukoll jekk u sa liema punt is-setgħa tal-OLAF li jwettaq tali investigazzjonijiet tistax tiġi affettwata mill-Ftehim Interistituzzjonali tal-1999 u mid-deċiżjonijiet li kull istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE tkun adottat skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-OLAF – dwar it-termini u l-kundizzjonijiet li skonthom, l-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet dwar il-persunal tiegħu jew il-membri tiegħu.

([16]) L-Artikolu 15 tar-Regolament dwar l-OLAF jiddikjara li l-Kumitat ta' Sorveljanza jista' jagħti opinjonijiet ukoll fuq talba, fost l-oħrajn, tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF.

([17]) Ir-reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (ir-reati PIF, kif definiti fid-Direttiva (UE) 2017/1371, mill-Franċiż "*protection des intérêts financiers*") jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u jagħmlu ħsara wkoll lir-reputazzjoni u lill-kredibbiltà tagħha. Ir-reati tal-PIF jinkludu frodi relatata mal-baġit tal-UE, frodi tal-VAT (VAT, Value Added Tax) fuq skala kbira li taffettwa lil żewġ Stati Membri jew aktar, korruzzjoni, miżapproprjazzjoni ta' assi mwettqa minn uffiċjal pubbliku, u ħasil tal-flus li jinvolvi proprjetà derivata minn dawn ir-reati.

Is-setgħat tal-OLAF li jwettaq investigazzjonijiet interni għal kwistjonijiet mhux relatati mal-PIF

51. Għall-Kumitat, kien essenzjali bħala l-ewwel pass li tiġi ċċarata l-kwistjoni tal-kompetenza tal-OLAF li jinvestiga lill-MEPs għal kwistjonijiet li jidhru li ma jaffettwawx l-interessi finanzjarji tal-UE. Għal dik ir-raġuni, il-Kumitat irrefera għall-ġurisprudenza tal-qrati tal-UE, b'mod partikolari għas-sentenza tal-Qorti fil-kawża Dalli ([18]), fejn il-Qorti eżaminat fid-dettall l-argumenti proprji li l-Parlament dan l-aħħar jidher li qajjem fil-korrispondenza tiegħu mal-OLAF biex jikkontesta jew jirrestrinġi s-setgħa tal-OLAF li jinvestiga lill-MEPs għal reati mhux relatati mal-PIF.

52. Il-Qorti ddikjarat li kien ċar mill-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE li tistabbilixxi l-OLAF (li għadha applikabbli) li l-OLAF huwa responsabbli **mhux biss** "*biex jagħmel investigazzjonijiet amministrattivi bil-għan, l-ewwel nett, li jiġġieled il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni*", **iżda wkoll** li jinvestiga "*fatti serji, relatati mal-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali, li jistgħu jikkostitwixxu ksur tal-obbligi tal-uffiċjali u membri tal-persunal tal-Unjoni li jistgħu jwasslu għal proċeduri dixxiplinari u, jekk ikun il-każ, għal proċeduri kriminali*" ([19]). Skont il-Qorti, dan ġie stabbilit ukoll fil-premessa 5 tar-Regolament dwar l-OLAF Nru 1073/1999 preċedenti (issa l-premessa 6 tar-Regolament dwar l-OLAF kurrenti), li skontha, **ir-responsabbiltà tal-OLAF testendi lil hinn mill-protezzjoni tal-interessi finanzjarji** biex tinkludi l-attivitajiet kollha relatati mas-salvagwardja tal-interessi tal-UE kontra mġiba irregolari li tista' tirriżulta fi proċedimenti amministrattivi jew kriminali. Il-Qorti kkonkludiet li "*in-nuqqas ta' impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni* ***ma jaffettwax il-possibbiltà li l-OLAF jiftaħ investigazzjoni***" ([20]).

53. Il-Kumitat jinnota li l-ġurisprudenza tal-qrati hija tant ċara li ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament dwar l-OLAF ([21]) u s-setgħat tal-OLAF li jinvestiga kwistjonijiet serji relatati mat-twettiq tad-dmirijiet professjonali mill-persunal tal-UE u mill-membri tal-istituzzjonijiet li ma jaffettwawx l-interessi finanzjarji tal-UE. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza li segwiet il-kawża Dalli ċċarat ukoll li anki reati mhux relatati mal-PIF (bħal imġiba li tinvolvi fastidju psikoloġiku) jista' jkollhom riperkussjonijiet finanzjarji. Il-Kumitat jinnota li l-OLAF huwa intitolat jinvestiga każijiet bħal dawn anki jekk iqis li l-imġiba ħażina inkwistjoni ma kellha l-ebda impatt finanzjarju. Huwa ċar ukoll li s-setgħa tal-OLAF li jwettaq investigazzjonijiet interni dwar il-membri tal-IBOAs għal kwistjonijiet mhux relatati mal-PIF tirriżulta direttament mir-Regolament dwar l-OLAF u ma hijiex kompetenza addizzjonali mogħtija volontarjament lill-OLAF mill-IBOAs barra u lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-OLAF.

Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew

54. Fil-korrispondenza tiegħu mal-OLAF, il-Parlament esprima wkoll dubji serji dwar li l-OLAF iwettaq investigazzjonijiet interni paralleli dwar kwistjonijiet bħall-fastidju, il-kunflitti ta' interess jew il-ksur etiku li jinvolvi lill-MEPs, abbażi tal-fatt li investigazzjonijiet bħal dawn joħolqu r-riskju li jqajmu dubji dwar il-proċeduri interni tal-Parlament stess kif stabbilit fil-Kodiċi ta' Kondotta tiegħu. Skont il-Parlament, il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-OLAF li jinvolvu lill-Parlament.

55. F'dan il-kuntest, il-Kumitat jinnota li l-IBOAs jistgħu jadottaw regoli interni, inkluż kodiċi ta' kondotta għall-membri tagħhom dwar kwistjonijiet etiċi, iżda li dan ma jipprekludix u ma jistax jipprekludi lill-OLAF milli jeżerċita kompetenza mogħtija direttament lilu mir-Regolament dwar l-OLAF. Dawn ir-regoli interni u l-kodiċijiet ta' kondotta huma vinkolanti biss fuq l-IBOA kkonċernat. Għalhekk, dawn ma jistgħux jintużaw bħala bażi biex jipprevjenu lill-OLAF milli jwettaq investigazzjoni interna f'konformità mal-Artikolu 1(4) tar-Regolament dwar l-OLAF.

([18]) Is-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, *Dalli* vs *Il-Kummissjoni* T-399/17, ECLI:EU:T:2019:384, ikkonfermata mis-sentenza tal-25 ta' Frar 2021, *Dalli* vs *Il-Kummissjoni*, C-615/19P, ECLI:EU:C:2021:133 (il-Kawża T-399/17).

([19]) Ara l-paragrafu 62 tas-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, *Dalli* vs *Il-Kummissjoni* T-399/17.

([20]) Ara l-paragrafu 62 tas-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, *Dalli* vs *Il-Kummissjoni* T-399/17.

([21]) L-Artikolu 1(4) jiddikjara li: "Fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji stabbiliti permezz, jew fuq il-bażi tat-Trattati ("istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji"), l-uffiċċju [OLAF] għandu jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi bil-għan li jiġġieled il-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għal dak il-għan l-Uffiċċju għandu jinvestiga kwistjonijiet serji li għandhom x'jaqsmu mal-qadi ta' dmirijiet professjonali li jikkostitwixxu nuqqas ta' ħarsien ta' obbligi ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni u li jistgħu jwasslu għal proċedimenti dixxiplinarji jew, skont il-każ, kriminali, jew nuqqas ekwivalenti ta' qadi ta' obbligi minn membri ta' istituzzjonijiet u korpi, kapijiet ta' uffiċċji u aġenziji jew membri tal-persunal ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji li ma humiex soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal (minn hawn 'il quddiem kollettivament imsemmija bħala "uffiċjali, aġenti oħrajn, membri ta' istituzzjonijiet jew korpi, kapi ta' uffiċċji jew aġenziji, jew membri tal-persunal")."

56. Dwar il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, il-Kumitat jirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qrati Ewropej li tgħid li l-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ([22]) "*jirrifletti l-prinċipju ta' ekwilibriju istituzzjonali, li huwa element karatteristiku tal-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni,* ***li jimplika li kull istituzzjoni għandha teżerċita l-kompetenzi tagħha b'osservanza ta' dawk tal-oħrajn***" ([23]). F'dak ir-rigward, f'dak li għandu x'jaqsam mal-OLAF, il-Qorti ddeċidiet li d-dmir tal-OLAF tal-kooperazzjoni leali ma jistax ikollu l-effett li jibdel it-tqassim tal-kompiti u r-responsabbiltajiet previsti mir-Regolament dwar l-OLAF ([24]).

57. Peress li s-setgħa li jitwettqu investigazzjonijiet interni ma hijiex kompetenza kondiviża iżda hija mogħtija mir-Regolament dwar l-OLAF lill-OLAF biss, il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet ma jistax jiġi invokat minn kwalunkwe istituzzjoni, inkluż il-Parlament, biex l-OLAF ma jkunx jista' jeżerċita s-setgħa tiegħu li jinvestiga membri tal-IBOAs. Fil-fatt, il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali huwa minqux fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament dwar l-OLAF, li jgħid li "*waqt li l-Uffiċċju* [OLAF] *qed iwettaq investigazzjoni interna, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji kkonċernati ma għandhomx jiftħu investigazzjoni parallela dwar l-istess fatti, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mal-Uffiċċju*".

L-Istatut u l-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea ([25])

58. Il-Kumitat eżamina wkoll ir-rilevanza tal-Istatut u tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-MEPs u jikkonferixxi protezzjoni statutorja fuq il-libertà u l-indipendenza tagħhom. Il-Kumitat jinnota li l-Artikolu 1(3) tar-Regolament dwar l-OLAF – li jiddikjara li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa mingħajr preġudizzju għall-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u (b) l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew – ma jillimitax is-setgħa mogħtija lill-OLAF biex jinvestiga membri tal-IBOAs għal kwistjonijiet serji relatati mat-twettiq tal-attivitajiet professjonali tagħhom. Dan jagħmel ċar biss li tali kompetenza għandha tiġi eżerċitata mingħajr restrizzjoni jew mingħajr ma taffettwa b'mod negattiv il-mandat elettorali tal-MEPs jew il-libertà tagħhom li jwettqu r-rwol tagħhom bħala rappreżentanti eletti.

59. Skont il-ġurisprudenza, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea rikonoxxuti mill-Protokoll Nru 7, u b'estensjoni ta' dan, l-immunità tal-MEPs, huma ta' natura purament funzjonali; huma maħsuba biex jevitaw kwalunkwe interferenza mal-funzjonament u mal-indipendenza tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, dawk il-privileġġi u l-immunitajiet jingħataw biss fl-interessi tal-Unjoni Ewropea. Skont il-Qorti, l-iskop ta' dik l-immunità huwa "*li tevita kull ostakolu għall-funzjonament xieraq tal-istituzzjoni li huma Membri tagħha, jiġifieri għall-eżerċitar tal-kompetenzi ta' din l-istituzzjoni*" ([26]). Minn dan isegwi li, dment li l-investigazzjonijiet tal-OLAF dwar atti mwettqa mill-MEPs ma jfixklux "opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom", dawn huma "mingħajr preġudizzju" għall-privileġġi u l-immunitajiet tal-MEPs skont il-Protokoll 7 u/jew l-Istatut tagħhom ([27]).

Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-1999 u d-Deċiżjonijiet meħuda minn kull istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE dwar l-investigazzjonijiet interni tal-OLAF

60. Fil-korrispondenza tiegħu mal-OLAF, il-Parlament argumenta wkoll li, peress li l-OLAF ma għandux is-setgħa skont ir-Regolament dwar l-OLAF li jinvestiga atti mhux relatati mal-PIF imwettqa mill-MEPs, tali investigazzjonijiet jistgħu jitwettqu biss abbażi tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni

([22]) L-Artikolu 13(2) tat-TUE jiddikjara: "Kull Istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, u skont il-proċeduri, il-kondizzjonijiet u l-finijiet previsti minnhom. L-istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw bejniethom il-koperazzjoni leali."
([23]) Is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, il-Kawża C-73/14, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* vs *Il-Kummissjoni Ewropea* ECLI:EU:C:2015:663.
([24]) Is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2024, il-Kawża C-494/22, P *Il-Kummissjoni* vs *Ir-Repubblika Ċeka*, par.149, ECLI:EU:C:2024:684.
([25]) Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005, li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1, fuq https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32005Q0684.
([26]) Is-sentenza tas-27 ta' April 2022, *Roos* vs *Il-Parlament*, Kawżi Magħquda T-710/21, T-722/21 u T-723/21, il-paragrafu 132.
([27]) Ara wkoll l-Opinjoni 2/2011 tal-Kumitat ta' Sorveljanza dwar "Powers of OLAF for the independent conduct of internal investigations within the EU institutions", https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/supervisory-committee-olaf/opinions-and-reports_mt.

Ewropea dwar investigazzjonijiet interni mill-OLAF. Il-fehma espressa mill-Parlament hija li peress li l-Premessa 6 ta' dak il-Ftehim tiddikjara li l-investigazzjonijiet tal-OLAF "*m'għandhomx jaffettwaw ir-responsabbiltajiet tal-istituzzjonijiet*", l-investigazzjonijiet tal-OLAF dwar l-MEPs għandhom jitwettqu f'konformità sħiħa mar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar l-infurzar tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Parlament applikabbli għall-MEPs. Skont dawk ir-regoli, pereżempju hija l-kompetenza unika tal-President tal-Parlament, wara li tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-imġiba tal-Membri, li tadotta deċiżjonijiet finali dwar ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta mill-MEPs. Li kieku l-OLAF kellu jwettaq investigazzjonijiet paralleli dwar kwistjonijiet bħal dawn, l-awtorità tal-President tal-Parlament u tal-Kumitat Konsultattiv tiġi ddubitata.

61. F'dan il-kuntest, il-Kumitat, huwa u jsegwi l-ġurisprudenza tal-qrati tal-UE, jinnota li s-setgħa tal-OLAF li jwettaq investigazzjonijiet interni dwar il-membri tal-IBOAs għal kwistjonijiet mhux relatati mal-PIF tirriżulta direttament mir-Regolament dwar l-OLAF innifsu. Għalhekk, din ma hijiex kompetenza li l-istituzzjonijiet firmatarji tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-1999 "volontarjament" iddeċidew li jikkonferixxu lill-OLAF. Barra minn hekk, li kieku kellhom jiġu imposti restrizzjonijiet fuq is-setgħa tal-OLAF li jwettaq investigazzjonijiet interni dwar il-membri tal-IBOAs, dan jista' jsir biss mir-Regolament dwar l-OLAF innifsu, u mhux minn ftehim istituzzjonali, peress li ftehim ma huwiex att leġiżlattiv li jista' jħassar, jemenda jew jissostitwixxi r-Regolament dwar l-OLAF.

62. Barra minn hekk, il-Kumitat iqis li, jekk ikun minnu li *"l-investigazzjonijiet fl-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji fl-oqsma (…) għandhom jitwettqu f'konformità ma' dan ir-Regolament u mad-deċiżjonijiet adottati mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija rilevanti"* (l-Artikolu 4.1 tar-Regolament dwar l-OLAF), dan jirreferi għad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li l-IBOAs irid ikollhom fis-seħħ permezz ta' deċiżjonijiet amministrattivi interni. Dawn id-deċiżjonijiet jistabbilixxu arranġamenti prattiċi li l-OLAF irid jikkunsidra meta jwettaq attivitajiet investigattivi (spezzjoni u ġbir ta' evidenza fil-bini, skambju ta' informazzjoni, intervisti ma' persunal u membri, eċċ.), iżda ma jistax u ma jaffettwax l-eżistenza u l-eżerċitar mill-OLAF tas-setgħat investigattivi tiegħu.

63. Bħala konklużjoni, il-Kumitat isib li, wara s-sentenza Dalli, ma hemm l-ebda dubju li l-OLAF għandu s-setgħa li jinvestiga lill-MEPs u lill-membri tal-IBOAs għal reati serji relatati mat-twettiq tad-dmirijiet professjonali tagħhom li jistgħu ma jaffettwawx l-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Kumitat isib ukoll li r-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar l-OLAF tkun mument opportun biex l-Artikolu 1(4) tar-Regolament dwar l-OLAF jiġi allinjat bis-sħiħ mas-sentenza tal-Qorti fil-kawża Dalli. Dan jipprovdi ċarezza akbar u jneħħi dubji dwar il-kompetenza tal-OLAF li jwettaq investigazzjonijiet interni dwar il-membri ta' IBOAs li ma jaffettwawx l-interessi finanzjarji tal-UE.

2.5 ***Abbozz ta' Opinjoni dwar l-investigazzjonijiet interni tal-OLAF dwar fastidju fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-UE (IBOAs)***

64. Fl-2022, id-Direttur Ġenerali tal-OLAF informa lill-Kumitat ta' Sorveljanza dwar ċerti diffikultajiet li l-OLAF kien qiegħed jiltaqa' magħhom f'għadd ta' każijiet relatati ma' investigazzjonijiet interni dwar fastidju li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tiegħu.

65. Abbażi tal-informazzjoni li rċieva mill-OLAF, il-Kumitat qies li huwa importanti li joħroġ opinjoni biex jikkjarifika r-rwol u s-setgħat tal-OLAF fl-investigazzjoni ta' mġiba u ta' fastidju mhux xierqa fl-IBOAs, u li jeżamina fid-dettall il-valur miżjud li dawk l-investigazzjonijiet iġibu fil-ġlieda kontra l-fastidju u mġiba mhux xierqa simili oħra mill-uffiċjali u mill-membri tal-IBOAs tal-UE. Madankollu, peress li l-Kumitat ma jinterferix fit-twettiq tal-investigazzjonijiet li għaddejjin, iddeċieda li jeżamina biss il-kwistjoni ladarba d-Direttur Ġenerali tal-OLAF ikun għalaq il-każijiet irrapportati.

66. F'Diċembru 2024, il-Kumitat approva l-abbozz ta' opinjoni tiegħu li mbagħad ġie adottat formalment f'Jannar 2025 ([28]). Il-Kumitat eżamina 20 każ ta' fastidju li l-OLAF kien ċaħad (investigazzjonijiet li ma nfetħux) matul l-aħħar 5 snin (2018-2023), kif ukoll 9 investigazzjonijiet dwar fastidju li tlestew matul dak l-istess perjodu.

([28]) Ara l-Opinjoni 1/2025 fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/document/download/0aaf5493-9be7-4538-a5c4-f1957b3d479a_en?filename=Opinion%201-2025.pdf.

67. Fl-opinjoni tiegħu, il-Kumitat l-ewwel innota li, wara s-sentenza Dalli, issa huwa fatt stabbilit li l-OLAF għandu l-kompetenza li jagħmel investigazzjonijiet interni dwar kwistjonijiet serji relatati mat-twettiq mill-persunal u mill-membri tal-IBOAs tad-dmirijiet professjonali tagħhom kemm jekk dawn jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE kif ukoll jekk le, u li din il-kompetenza tirriżulta direttament mill-Artikolu 1(4) tar-Regolament dwar l-OLAF. Din ma hijiex kompetenza addizzjonali mogħtija b'mod volontarju lill-OLAF mill-IBOAs barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-OLAF u lil hinn minnu ([29]). Għalhekk, l-OLAF huwa kompetenti li jwettaq investigazzjonijiet interni li jinvolvu fastidju kif definit mill-ġurisprudenza, anki meta ma jkun hemm l-ebda impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE.

68. Madankollu, l-analiżi mwettqa mill-Kumitat uriet li l-OLAF normalment joqgħod lura milli jiftaħ investigazzjoni dwar kwistjonijiet bħal dawn f'każijiet fejn a) l-allegazzjonijiet jirreferu għal fastidju mwettaq minn uffiċjali u "aġenti" oħra jew minn dawk f'pożizzjonijiet ta' maniġment intermedju, u b) l-IBOA kkonċernata għandha l-kapaċità u l-għarfien espert meħtieġ u tkun tista' twettaq l-investigazzjoni interna tagħha b'mod effiċjenti u indipendenti, mingħajr il-ħtieġa ta' intervent mill-OLAF. F'każijiet bħal dawn, l-OLAF iqis li l-ftuħ tal-investigazzjoni tiegħu stess ma jkunx użu proporzjonat jew effiċjenti tar-riżorsi tiegħu, u lanqas ma jipprovdi xi valur miżjud. F'każijiet bħal dawn, id-Direttur Ġenerali jagħlaq il-każ u jibgħat l-informazzjoni rilevanti lill-IBOA kkonċernata, sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni xierqa f'konformità mal-Artikolu 5(6) tar-Regolament dwar l-OLAF.

69. Madankollu, l-OLAF iqis li huwa xieraq u meħtieġ li jiftaħ l-investigazzjonijiet tiegħu stess meta l-allegazzjonijiet ta' fastidju jsiru kontra uffiċjali ta' grad għoli u ta' maniġment superjuri u membri tal-IBOAs fejn l-OLAF biss jista' jiggarantixxi l-grad meħtieġ ta' indipendenza fit-twettiq ta' tali investigazzjonijiet.

70. Il-Kumitat sab li l-approċċ tal-OLAF fit-trattament ta' ilmenti dwar fastidju huwa f'konformità mar-regoli applikabbli u mal-mandat tiegħu. Barra minn hekk, il-Kumitat ikkunsidra li f'każijiet ta' fastidju minn uffiċjali ta' grad għoli u minn uffiċjali għoljin, investigazzjoni tal-OLAF tipprovdi valur miżjud reali f'termini ta' indipendenza u imparzjalità fit-twettiq ta' tali investigazzjonijiet.

71. Dwar din il-kwistjoni, il-Kumitat jinnota li minħabba l-pożizzjoni ta' grad għoli fi ħdan l-IBOA kkonċernata u l-livell għoli ta' responsabbiltà attribwit lil xi persunal ta' livell għoli tal-UE jew lil membri tal-IBOAs, investigazzjoni interna mill-IBOA kkonċernata tista' ma tkunx oġġettiva, indipendenti u imparzjali b'mod adegwat. F'xi każijiet, l-IBOAs jista' lanqas biss ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jaħtru tim intern speċjalizzat responsabbli għat-twettiq ta' investigazzjoni amministrattiva. Finalment, allegazzjonijiet ta' fastidju mwettaq minn uffiċjali ta' grad għoli u minn membri tal-IBOAs li huma investigati mill-istituzzjoni, korp jew aġenzija tagħhom stess jistgħu potenzjalment jikkawżaw ħsara serja lill-immaġni u lir-reputazzjoni tal-IBOA inkwistjoni.

72. Il-Kumitat innota wkoll li, għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-każijiet analizzati, l-IBOAs kienu kooperattivi u ma interferewx fl-investigazzjoni tal-OLAF, f'żewġ każijiet l-IBOAs urew nuqqas ċar ta' kooperazzjoni, u qajmu dubji dwar is-setgħa tal-OLAF li jwettaq investigazzjonijiet interni bħal dawn. Dan irriżulta f'aktar dewmien fl-investigazzjonijiet tal-OLAF u kellu impatt negattiv fuq l-effikaċja tal-azzjoni tiegħu.

73. Għalhekk, il-Kumitat innota li, meta d-Direttur Ġenerali jiftaħ investigazzjoni dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-OLAF, l-obbligu tal-IBOA li tikkoopera mal-OLAF u li tastjeni minn investigazzjonijiet paralleli huwa inkondizzjonat. F'dan il-kuntest, il-fehma tal-Kumitat hija li, meta l-IBOA ma tweġibx b'mod pożittiv għat-talbiet tal-OLAF biex ma ssirx investigazzjoni parallela dwar kwistjonijiet li diġà jkunu qegħdin jiġu investigati mill-OLAF jew tirrifjuta li tibgħat informazzjoni rilevanti għall-investigazzjonijiet tal-OLAF, dak l-IBOA fil-fatt tkun qiegħda tonqos milli taġixxi f'konformità mar-Regolament dwar l-OLAF u mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali. Imġiba bħal din għandha impatt negattiv fuq l-effikaċja u l-konsistenza tal-ħidma tal-OLAF u fl-aħħar mill-aħħar tinterferixxi mal-awtonomija u mal-indipendenza tal-OLAF fit-twettiq tal-investigazzjonijiet fil-mandat tiegħu.

([29]) Il-Kumitat ta' Sorveljanza diġà esprima l-fehma tiegħu dwar dan is-suġġett fl-Opinjoni tiegħu Nru 4/2024 "*OLAF's power to conduct internal investigation: the case of Members of the EU institutions*".

2.6 ***Monitoraġġ tad-durata tal-investigazzjonijiet tal-OLAF***

74. L-Artikolu 7(8) tar-Regolament dwar l-OLAF jirrikjedi li l-Kumitat iwettaq analiżi skont il-każ ta' kull investigazzjoni li ddum aktar minn 12-il xahar biex jiżgura li l-investigazzjonijiet tal-OLAF jitwettqu kontinwament u fuq perjodu proporzjonat għaċ-ċirkostanzi u għall-kumplessità tagħhom.

75. Billi jimmonitorja regolarment id-durata tal-investigazzjonijiet tal-OLAF u r-raġunijiet għal kwalunkwe dewmien żejjed, il-Kumitat ifittex li jivverifika li ma tkun seħħet l-ebda interferenza esterna jew interna fit-twettiq imparzjali ta' investigazzjoni. Investigazzjoni twila mingħajr ġustifikazzjoni jista' jkollha konsegwenzi negattivi serji: (i) għad-drittijiet proċedurali tal-persuna kkonċernata/persuni kkonċernati; u/jew (ii) għas-segwitu għall-investigazzjoni. Billi jimmonitorja t-tul tal-investigazzjonijiet, il-Kumitat jivverifika wkoll li r-riżorsi umani u finanzjarji allokati lill-OLAF intużaw b'mod effiċjenti.

76. Il-Kumitat iqis li d-durata tal-investigazzjonijiet hija indikatur importanti tal-effettività tal-azzjoni tal-OLAF u ta attenzjoni partikolari lil dan is-suġġett matul is-snin. Fl-aħħar opinjoni tiegħu dwar dan is-suġġett, l-Opinjoni 5/2021, il-Kumitat kien involut f'valutazzjoni komprensiva tal-investigazzjonijiet tal-OLAF li damet aktar minn 36 xahar fl-2019. Il-Kumitat identifika ċerti nuqqasijiet li wasslu għal għadd ta' rakkomandazzjonijiet lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF.

77. Fl-Opinjoni 3/2024 reċenti tiegħu dwar l-abbozz tal-GIPs il-ġodda, il-Kumitat laqa' l-progress li sar mill-OLAF fil-ġestjoni tat-tul tal-investigazzjonijiet tiegħu u rrikonoxxa l-inklużjoni ta' xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat fl-abbozz rivedut tal-GIPs. Madankollu, il-Kumitat saħaq ukoll fuq l-importanza li l-GIPs jipprovdu gwida ċara lill-investigaturi dwar l-evitar ta' perjodi mhux ġustifikati ta' inattività matul il-proċess ta' investigazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kumitat issottometta diversi rakkomandazzjonijiet lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF dwar emendi għall-GIPs li jgħinu lill-OLAF jegħleb il-kwistjoni ta' investigazzjonijiet twal wisq. Il-Kumitat jemmen li dawk ir-rakkomandazzjonijiet se jiġu approvati mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF fil-verżjoni finali tal-GIPs. Madankollu, kif iddikjarat hawn fuq, il-fatt li l-adozzjoni tal-GIPs ġiet posposta mingħajr ebda skeda ta' żmien konkreta huwa kwistjoni ta' tħassib għall-Kumitat.

78. Matul is-sena ta' rappurtar, bħal kull sena oħra, il-Kumitat irċieva informazzjoni mingħand l-OLAF dwar investigazzjonijiet li damu aktar minn 12-il xahar. Sabiex jifhem aħjar kif l-OLAF immaniġġa d-durata tal-investigazzjonijiet tiegħu matul l-2024 u kif ikkonforma mal-prinċipju ġenerali tal-proporzjonalità tad-durata tal-investigazzjoni tal-OLAF, anke fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet ifformulati qabel, il-Kumitat wettaq valutazzjoni li tiffoka fuq investigazzjonijiet li damu aktar minn 36 xahar (ara t-Taqsima 2.6.2).

2.6.1 *Rapporti ta' investigazzjonijiet li damu aktar minn 12-il xahar riċevuti mill-Kumitat fl-2024*

79. Jekk investigazzjoni ma tistax tingħalaq fi żmien 12-il xahar wara li tinfetaħ, l-Artikolu 7(8) tar-Regolament dwar l-OLAF ([30]) jirrikjedi li d-Direttur Ġenerali tal-OLAF jirrapporta formalment lill-Kumitat 12-il xahar wara li tkun infetħet l-investigazzjoni u kull 6 xhur wara. F'dawn ir-rapporti, l-OLAF jistabbilixxi r-raġunijiet għaliex l-investigazzjoni baqgħet miftuħa u, fejn xieraq ([31]), il-miżuri rimedjali li jridu jittieħdu biex titħaffef l-investigazzjoni, kif ukoll il-perjodu ta' żmien mistenni għat-tlestija.

80. Fl-2024, il-Kumitat irċieva 490 rapport mingħand l-OLAF dwar 333 investigazzjoni individwali li kienu għadhom għaddejjin li damu aktar minn 12-il xahar. Minn dawn, 49 % qabżu l-24 xahar u 16 % qabżu s-36 xahar (Illustrazzjoni 1). Id-diżaggregazzjoni tal-investigazzjonijiet tal-OLAF skont is-settur hija pprovduta fl-Illustrazzjoni 2.

([30]) L-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 jiddikjara: "Jekk investigazzjoni ma tkunx tista' tingħalaq fi żmien 12-il xahar wara li tkun infetħet, id-Direttur Ġenerali għandu jirrapporta, malli jiskadi dak il-perjodu ta' 12-il xahar u f'intervalli ta' 6 xhur wara dan, lill-Kumitat ta' Sorveljanza, filwaqt li jindika r-raġunijiet u l-miżuri ta' rimedju previsti bil-ħsieb li titħaffef l-investigazzjoni.".

([31]) Il-kliem "fejn xieraq" żdied mat-test tal-Artikolu 7(8) tar-Regolament dwar l-OLAF bir-Regolament emendatorju (UE, Euratom) 2020/2223.

Illustrazzjoni 1: 333 każ twil irapportati fl-2024



Illustrazzjoni 2: Diżaggregazzjoni settorjali ta' każijiet twal irrapportati fl-2024



2.6.2 *Monitoraġġ tal-investigazzjonijiet tal-OLAF li damu aktar minn 36 xahar fl-2024*

81. Fl-2024, il-Kumitat wettaq monitoraġġ regolari tad-durata tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, b'enfasi speċifika fuq dawk li qabżu s-36 xahar. Il-monitoraġġ sar f'żewġ fażijiet. L-ewwel, il-Kumitat analizza każijiet li kienu qabżu s-36 xahar bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Awwissu 2024 (39 każ). Imbagħad, il-Kumitat irrieżamina każijiet ġodda li qabżu s-36 xahar bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2024 (13-il każ ġdid). Matul l-aħħar fażi, il-Kumitat eżamina wkoll il-progress fuq id-39 każ analizzat aktar kmieni fis-sena.

82. F'konformità mal-Artikolu 10 tal-Arranġamenti ta' Ħidma miftiehma bejn l-OLAF u l-Kumitat ([32]), il-Kumitat kellu aċċess għall-fajls tal-każijiet tat-52 investigazzjoni msemmija hawn fuq. Sal-aħħar ta' Diċembru 2024, l-OLAF kien għalaq 44 minn dawn il-każijiet, filwaqt li 8 minnhom kienu għadhom għaddejjin.

([32]) L-arranġamenti ta' ħidma miftiehma bejn l-OLAF u l-Kumitat jipprovdu lill-Kumitat b'aċċess parzjali dirett għal informazzjoni relatata mal-każijiet li hija disponibbli u rreġistrata fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF. L-arranġamenti ta' ħidma huma disponibbli fuq: https://supervisory-committee-olaf.europa.eu/system/files/2021-10/OLAF%20SC%20WA%20signed.pdf.pdf.

83. Ir-rieżami tal-Kumitat ħares lejn l-indikaturi li ġejjin.

Kontinwità tal-attivitajiet investigattivi. L-intensità tal-attivitajiet investigattivi ġiet rieżaminata bir-reqqa matul id-durata ta' kull każ. Il-Kumitat ivverifika r-raġunijiet ipprovduti mill-OLAF fir-rapporti tiegħu ta' 12-il xahar mal-fajls tal-każijiet u analizza l-kontinwità tal-attivitajiet bejn il-perjodi ta' rapportar. Ingħatat attenzjoni partikolari għal kwalunkwe interruzzjoni f'attivitajiet investigattivi li damu aktar minn 3 xhur. Il-ġustifikazzjonijiet ġew imfittxija fil-fajl tal-każ (jew iddikjarati b'mod espliċitu jew inkella b'inferenza) ([33]). Il-Kumitat iffoka wkoll fuq il-valutazzjoni tat-Tim ta' Rieżami tal-OLAF tal-kontinwità tal-investigazzjonijiet ([34]).

L-ippjanar tal-investigazzjoni u l-prijoritizzazzjoni operazzjonali. Il-Kumitat irrieżamina l-prattika interna tal-OLAF għall-ġestjoni tad-durata tal-investigazzjonijiet, b'enfasi partikolari fuq l-ippjanar u l-prijoritizzazzjoni operazzjonali. Il-Kumitat ivvaluta jekk ġiex adottat approċċ konsistenti u uniformi fl-unitajiet kollha tal-OLAF ([35]). Il-Kumitat ikkunsidra wkoll jekk l-investigazzjonijiet li qabżu s-36 xahar ingħatawx prijorità operazzjonali mill-amministrazzjoni tal-OLAF, bl-objettiv ċar li titħaffef it-tlestija tagħhom ([36]).

Proporzjonalità u effettività. Il-Kumitat wettaq ukoll valutazzjoni preliminari tal-proporzjonalità tad-durata ta' kull investigazzjoni, li evalwat jekk id-durata kinitx iġġustifikata abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ. Barra minn hekk, il-Kumitat ta' Sorveljanza vvaluta jekk il-miżuri rimedjali proposti kinux sinifikattivi u xierqa fl-indirizzar tar-raġunijiet għal nuqqas ta' tlestija.

84. L-analiżi mwettqa mill-Kumitat fl-2024 tista' tinġabar fil-qosor kif ġej.

Rappurtar

85. Il-Kumitat innota li l-"*kumplessità tal-kwistjoni*" kienet l-aktar raġuni invokata mill-OLAF biex jiġġustifika d-durata ta' investigazzjoni (invokata f'85 % tal-każijiet). Iċ-ċirkostanzi li fihom investigazzjoni tista' titqies kumplessa jistgħu jvarjaw minn każ għal każ, skont is-suġġett u ċ-ċirkostanzi speċifiċi. Il-kumplessità tissemma tipikament mill-OLAF meta d-dokumenti jkunu numerużi u diffiċli biex jiġu eżaminati minħabba l-format, il-volum u l-lingwa tagħhom. Il-kumplessità tissemma wkoll meta jinqalgħu diffikultajiet bejn il-ġuriżdizzjonijiet u kwistjonijiet ġuridiċi oħrajn, meta l-każ ikun jinvolvi jew jista' potenzjalment jinvolvi ħafna persuni ([37]) u/jew pajjiżi, meta l-ambitu tal-investigazzjoni jkun wiesa' jew meta t-tranżazzjonijiet ikunu diffiċli biex jiġu analizzati.

86. Raġunijiet oħrajn irrapportati mill-OLAF biex jiġġustifikaw id-durata huma interni (eż. kwistjonijiet tar-riżorsi umani bħal assenza twila ta' investigatur ewlieni jew riorganizzazzjoni ta' tim investigattiv), jew ċirkostanzi esterni lil hinn mill-kontroll tal-OLAF (eż. diffikultajiet fil-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, stennija għal input mill-istituzzjonijiet Ewropej, l-awtoritajiet nazzjonali jew partijiet ikkonċernati oħrajn, jew l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19).

87. Il-Kumitat ivvaluta l-kontenut tar-rapporti ta' 12-il xahar tal-OLAF kontra d-data kollha disponibbli f'kull fajl tal-każ mingħajr ma sab diskrepanzi. F'termini aktar ġenerali, il-Kumitat iqis li l-mudell użat għar-rappurtar lill-Kumitat, jekk jimtela b'mod korrett, jista' jipprovdi ħarsa ġenerali affidabbli tal-każ. Huwa importanti li l-informazzjoni fih tiġi aġġornata kull 6 xhur, b'attenzjoni partikolari għall-miżuri rimedjali meħuda matul il-perjodu ta' rappurtar u l-effettività tagħhom. Il-Kumitat diġà indika ([38]) li investigazzjoni li tinsab fil-proċess tat-tlestija meta jiġi abbozzat ir-rapport ta' 12-il xahar ma teħlisx lill-OLAF mid-dmir tiegħu li jinforma lill-Kumitat dwar il-miżuri rimedjali meħuda matul l-investigazzjoni.

([33]) Ara l-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza, Rakkomandazzjoni 1b.
([34]) Ara l-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza, Rakkomandazzjoni 2.
([35]) Ara l-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza, Rakkomandazzjoni 3.
([36]) Ara l-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza, Rakkomandazzjoni 4c.
([37]) Il-każijiet analizzati inkludew varjetà ta' persuni fiżiċi/ġuridiċi, li jvarjaw minn 1 sa 29.
([38]) Ara l-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza, il-paragrafi 38 u 39.

Kontinwità tal-investigazzjonijiet

a. *Interruzzjonijiet fl-attivitajiet investigattivi*

88. Il-Kumitat eżamina bir-reqqa l-intensità tal-attivitajiet investigattivi matul id-durata ta' kull każ u identifika perjodi ta' inattività fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-maġġoranza tal-każijiet analizzati (47 każ) ([39]). Fil-maġġoranza tal-istanzi, każ kellu aktar minn perjodu wieħed ta' inattività. F'44 każ, il-Kumitat sab interruzjonijiet li damu 3 sa 8 xhur ([40]). Fi 12-il każ, l-interruzzjonijiet damu 9 sa 15-il xahar ([41]). F'4 każijiet, il-Kumitat sab perjodi itwal ta' inattività, ta' 16 sa 23 xahar ([42]). Il-Kumitat, kif diġà ġie ddikjarat f'opinjonijiet preċedenti, jirrikonoxxi li l-analiżi tad-durata ma tistax tkun ibbażata biss fuq in-numru u t-tul tal-interruzzjonijiet fl-attività f'investigazzjoni u li kwalunkwe analiżi trid tqis il-fajl tal-każ ta' investigazzjoni kollu u, f'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar l-OLAF, iċ-ċirkostanzi speċifiċi u l-kumplessità ta' kull każ.

89. Il-Kumitat itenni ([43]) li l-perjodi ta' inattività jridu jiġu rreġistrati u ġġustifikati kif xieraq fil-fajl tal-każ, u li l-ostakli jew id-dewmien li jiltaqa' magħhom it-tim tal-każ matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' investigazzjoni għandhom dejjem jiġu rreġistrati u jkunu traċċabbli fl-OCM (eż. fil-forma ta' nota mal-fajl). Dan jippermetti lill-amministrazzjoni tal-OLAF li timmonitorja b'mod effettiv il-progress f'investigazzjoni u li tiżgura l-grad meħtieġ ta' trasparenza u akkontabilità.

90. Fl-analiżi preċedenti tiegħu tad-durata, il-Kumitat innota li, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-OLAF ma kienx irreġistra kif xieraq iċ-ċirkostanzi għaliex kien hemm perjodi ta' inattività fl-OCM ([44]). L-analiżi mwettqa fl-2024 turi titjib f'dan il-qasam, peress li l-OLAF iddokumenta regolarment interruzzjonijiet ta' aktar minn 3 xhur, għalhekk il-Kumitat seta' jifhem ir-raġunijiet wara tali perjodi ta' inattività. F'minoranza ta' każijiet biss, il-Kumitat sab interruzzjonijiet mhux dokumentati ([45]).

91. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jilqa' l-prattika tad-dokumentazzjoni tal-progress inkrementali tal-analiżi tad-data tal-OLAF fin-noti tal-fajl tal-każ, kif ukoll ir-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe ostaklu proċedurali li jiltaqa' miegħu t-tim tal-investigazzjoni ([46]).

92. Il-Kumitat innota wkoll li filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-OLAF irreġistra d-dokumenti fil-ħin, fi ftit okkażjonijiet dan sar b'xi dewmien (eż. skambji tal-posta elettronika li jmorru lura ċertu żmien qabel ma ddaħħlu fl-OCM) ([47]). Din il-prattika tiddevja mill-ħtieġa ta' ċarezza u trasparenza fl-OCM, li min-naħa tagħha hija strumentali għat-twettiq issimplifikat tal-investigazzjonijiet, is-superviżjoni maniġerjali, u l-ħidma ta' monitoraġġ tal-Kumitat. Għalhekk, il-Kumitat jisħaq fuq l-importanza li d-dokumenti rilevanti kollha jiddaħħlu fl-OCM mingħajr dewmien.

b. *Opinjonijiet tat-Tim ta' Rieżami*

93. Fl-44 każ magħluq kollha, il-Kumitat analizza wkoll l-opinjonijiet maħruġa mit-Tim ta' Rieżami qabel l-għeluq ta' każ ("Opinjoni dwar l-għeluq"). Il-Kumitat sab grad ta' eteroġeneità fl-analiżi mwettqa mit-Tim ta' Rieżami dwar il-kontinwità tal-investigazzjonijiet: f'xi każijiet, l-opinjoni tat-Tim ta' Rieżami rreferiet għal perjodi ta' inattività jew għall-kumplessità tal-każ mingħajr ma pprovdiet spjegazzjonijiet jew dettalji addizzjonali biex tappoġġa l-valutazzjoni tagħhom ([48]); f'każijiet oħra, l-opinjoni sempliċiment tiddikjara li "ma nstabet l-ebda indikazzjoni bħal din [ta' dewmien żejjed]", għalkemm il-kontenut tal-fajl tal-każ jista' jissuġġerixxi mod ieħor ([49]).

([39]) [Ma ġie identifikat l-ebda perjodu ta' inattività f'ħames każijiet - kunfidenzjali].
([40]) [Kunfidenzjali].
([41]) [Kunfidenzjali].
([42]) [Kunfidenzjali].
([43]) Ara l-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza, il-paragrafu 44.
([44]) Ara l-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza, il-paragrafi 45 u ss.
([45]) [Kunfidenzjali].
([46]) [Kunfidenzjali].
([47]) [Kunfidenzjali].
([48]) [Kunfidenzjali].
([49]) [Kunfidenzjali].

94. Il-Kumitat jesprimi l-fehma preċedenti tiegħu ([50]) li l-valutazzjoni mwettqa fi tmiem l-investigazzjoni hija estremament rilevanti għall-monitoraġġ tal-effiċjenza tal-attività tal-OLAF. Għalhekk huwa importanti li l-opinjonijiet maħruġa mit-Tim ta' Rieżami jidentifikaw il-perjodi eżatti ta' kwalunkwe inattività u jfasslu konklużjonijiet ċari u raġunati sew.

Ippjanar u prijoritizzazzjoni tal-investigazzjoni

95. Bħala parti mill-aħħar aġġornament tal-GIPs, l-OLAF emenda l-Artikolu 9(1) biex jinkludi r-rekwiżit għall-unitajiet ta' investigazzjoni biex "*jiddeskrivu pjan ta' ħidma inizjali*". Il-Kumitat jilqa' dan l-iżvilupp u jirrikonoxxi l-isforzi tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 3 tal-Opinjoni 5/2021.

96. Madankollu, l-analiżi mwettqa żvelat li f'60 % tal-każijiet, ma kinux tfasslu pjanijiet ta' investigazzjoni inizjali. Fl-40 % tal-każijiet l-oħrajn sar pjan ta' ħidma inizjali, għalkemm fi tliet każijiet biss il-pjan ta' ħidma inizjali ġie aġġornat ([51]). Il-Kumitat jirrikonoxxi li l-maġġoranza l-kbira tal-investigazzjonijiet analizzati nfetħu qabel ma l-GIPs ġew aġġornati f'Ottubru 2021. Madankollu, il-Kumitat itenni l-fehma tiegħu ([52]) li approċċ aktar konsistenti għall-operazzjonijiet tal-OLAF ikun ta' benefiċċju. Il-fatt li pjanijiet ta' ħidma jitfasslu fil-bidu ta' investigazzjoni, u li dawn jiġu aġġornati kull meta jkun meħtieġ, jipprovdi lill-ġestjoni tal-OLAF b'għodda konkreta għall-monitoraġġ tad-durata u tal-progress tal-investigazzjonijiet u jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi tal-persunal tiegħu.

97. L-analiżi tal-Kumitat sabet ukoll ċertu grad ta' eteroġeneità fl-għoti ta' prijorità operazzjonali lill-każijiet. Tmien investigazzjonijiet biss li qabżu s-36 xahar ingħataw prijorità b'mod espliċitu ([53]). Madankollu, l-analiżi wriet ukoll li, minkejja li ma ngħatawx prijorità operazzjonali b'mod espliċitu, 30 każ ingħalqu ftit wara li qabżu 36 xahar ta' durata ([54]).

98. Dwar din il-kwistjoni, il-Kumitat jilqa' – bħala żvilupp pożittiv li jissodisfa r-Rakkomandazzjoni 4c tal-Opinjoni 5/2021 – il-fatt li l-OLAF awtomatikament assenja prijorità lill-maġġoranza tal-investigazzjonijiet li jkunu ilhom għaddejjin għal aktar minn 36 xahar. Madankollu, il-Kumitat jisħaq ukoll fuq l-importanza li jiġu rreġistrati deċiżjonijiet biex tingħata prijorità lil investigazzjoni fil-fajl tal-każ, kif ukoll li tiġi ddokumentata kwalunkwe bidla sussegwenti għal dawn id-deċiżjonijiet.

99. L-analiżi mwettqa mill-Kumitat dwar każijiet li ilhom għaddejjin aktar minn 36 xahar fl-2024 xeħtet dawl fuq għadd ta' sejbiet. L-ewwel, kien hemm żieda żgħira f'dawn il-każijiet meta mqabbla mal-2019 (żieda minn 10 % għal 16 % tal-każijiet kollha rrapportati fl-2024). Din iċ-ċifra tidher konsistenti man-numru dejjem jonqos ta' persunal tal-OLAF f'dawn l-aħħar 5 snin u mal-kumplessità dejjem akbar tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF ([55]). L-analiżi, madankollu, enfasizzat li l-biċċa l-kbira tal-investigazzjonijiet tħaffu wara li laħqu 36 xahar fid-durata, u dan irriżulta f'ħafna każijiet magħluqa bejn 36 u 42 xahar.

100. Meta ħares lejn il-kontinwità tal-investigazzjonijiet, il-Kumitat sab li fi kważi 70 % tal-każijiet, l-interruzzjonijiet identifikati kienu fil-fatt ġustifikati ([56]). Fit-30 % li jifdal, il-Kumitat sab li element rikorrenti b'impatt fuq id-durata kien l-assenza twila tal-investigatur ewlieni u/jew il-bidliet konsegwenti fil-kompożizzjoni tat-tim tal-każ ([57]). Finalment, għadd limitat ta' każijiet analizzati ([58]), fil-fehma tal-Kumitat, iqajmu tħassib dwar il-karattru proporzjonat tad-durata tagħhom; il-Kumitat iqis li f'dawn il-każijiet, l-investigazzjonijiet tal-OLAF ma kinux kontinwi u l-interruzzjonijiet ma kinux ġustifikati. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kumitat jisħaq fuq l-importanza li l-interruzzjonijiet fl-investigazzjonijiet jiġu limitati għall-minimu. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li fil-fajl tal-każ, tali perjodi ta' inattività jiġu ġġustifikati b'mod ċar.

([50]) Ir-Rakkomandazzjoni 2 tal-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza.
([51]) [Kunfidenzjali].
([52]) Ir-Rakkomandazzjoni 3 tal-Opinjoni 5/2021 tal-Kumitat ta' Sorveljanza.
([53]) [Kunfidenzjali].
([54]) [Każijiet magħluqa bejn 36 u 42 xahar – kunfidenzjali].
([55]) Fl-2019, l-OLAF invoka "kumplessità tal-kwistjoni" bħala raġuni li tiġġustifika d-durata tal-investigazzjoni fi 43 % tal-każijiet filwaqt li fis-sena ta' rappurtar dan kien jammonta għal 85 % tal-każijiet.
([56]) [Kunfidenzjali].
([57]) [Kunfidenzjali].
([58]) [Kunfidenzjali].

101. L-analiżi indikat ukoll li, għalkemm l-abbozzar tal-pjanijiet ta' ħidma huwa rekwiżit skont l-Artikolu 9(1) tal-GIPs kurrenti, il-pjanijiet ta' ħidma għadhom ma humiex adottati b'mod konsistenti fl-unitajiet investigattivi kollha. Il-Kumitat huwa fiduċjuż li l-Artikolu 9(1) tal-GIPs se jiġi applikat b'mod aktar konsistenti fil-futur.

2.7 *Monitoraġġ tal-kumitat tal-ilmenti individwali sottomessi lill-OLAF*

102. Bħal kull sena, il-Kumitat irċieva rapporti biannwali u dokumenti rilevanti dwar ilmenti individwali ttrattati mill-OLAF. Fl-2024, id-Direttur Ġenerali informa lill-Kumitat li l-OLAF ittratta tliet ilmenti b'kollox. Id-Direttur Ġenerali pprovda wkoll ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti ttrattati mill-Ombudsman Ewropew. L-OLAF ipprovda aċċess awtomatiku għall-każijiet korrispondenti fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF, li fiha d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti kollha ([59]). Il-Kumitat iffoka fuq it-tliet ilmenti trattati direttament mill-OLAF fl-2024, kollha bbażati fuq l-Artikolu 90a tar-Regolamenti tal-Persunal ([60]).

103. Skont l-Artikolu 90a tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjali tal-UE u membri oħrajn tal-persunal jistgħu jippreżentaw talbiet lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF relatati mad-drittijiet tagħhom u ma' kif jiġu ttrattati fil-kuntest tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF. Huma jistgħu jissottomettu wkoll ilmenti kontra att li jaffettwahom b'mod avvers b'rabta mal-investigazzjonijiet mill-OLAF.

104. Il-Kumitat jinnota li f'żewġ ilmenti, sottomessi minn persuni kkonċernati fl-investigazzjonijiet tal-OLAF, l-applikanti ressqu talbiet għal kumpens għad-danni għal allegat ksur tal-garanziji proċedurali. Iż-żewġ ilmenti ġew sottomessi wara li l-investigazzjonijiet tal-OLAF kienu ngħalqu. L-ilment li jifdal ġie sottomess minn informatur u kien jikkonċerna "każ miċħud" fejn l-OLAF iddeċieda li ma jiftaħx investigazzjoni.

105. Il-Kumitat iqis ukoll li, fl-ilmenti msemmija hawn fuq, l-OLAF ipprovda biżżejjed spjegazzjonijiet lill-ilmentaturi kollha u aġixxa f'konformità mal-obbligu tiegħu skont l-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar *"l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha"*.

3 Kooperazzjoni

3.1 *Kooperazzjoni mal-OLAF*

106. Matul l-2024, il-Kumitat ikkonsolida l-kooperazzjoni produttiva tiegħu mal-OLAF billi żamm djalogu miftuħ u sinifikattiv mad-Direttur Ġenerali tal-OLAF u mat-tim tiegħu.

107. Il-Kumitat kompla l-prattika li jistieden lid-Direttur Ġenerali tal-OLAF u lill-persunal tiegħu għal-laqgħat ta' kull xahar tiegħu biex jiddiskutu u jiġu infurmati dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-ħidma tal-Kumitat u tal-OLAF. Il-membri tal-Kumitat u s-Segretarjat kellhom ukoll laqgħat formali u informali mal-maniġment u mal-persunal tal-OLAF bħala parti mit-tħejjijiet tal-ħidma tal-Kumitat.

108. Il-Kumitat irċieva r-rapporti li ġejjin mingħand l-OLAF f'konformità mar-Regolament dwar l-OLAF u l-prattiki ta' ħidma stabbiliti: (i) rapporti dwar investigazzjonijiet li jdumu aktar minn 12-il xahar; (ii) rapporti fejn ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-OLAF mill-1 ta' Ottubru 2013 ma ġewx segwiti u li għalihom l-OLAF irċieva tweġibiet mill-awtoritajiet ikkonċernati fl-eżerċizzju annwali ta' monitoraġġ tal-2023; (iii) rapporti dwar ilmenti magħmula lill-OLAF dwar garanziji proċedurali f'investigazzjonijiet tal-OLAF li jkunu għadhom għaddejjin; (iv) rapporti dwar każijiet li għalihom intbagħtet informazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali; u (v) rapporti dwar differimenti skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament dwar l-OLAF.

([59]) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Arranġamenti ta' Ħidma bejn l-OLAF u l-Kumitat ta' Sorveljanza.

([60]) Ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali oħra tal-Komunità Ewropea Ekonomika u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Ekonomika, disponibbli fuq: EUR-Lex - 01962R0031-20140501 - EN - EUR-Lex.

3.2 *Relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati*

109. Il-Kumitat huwa responsabbli quddiem l-istituzzjonijiet li ħatru l-membri tiegħu, u huwa wkoll sieħeb fid-djalogu tal-istituzzjonijiet tal-UE. Il-Kumitat jirrapporta lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-attivitajiet tiegħu, jista' joħroġ opinjonijiet meta huma jitolbu dan, jipproduċi rapporti dwar kwistjonijiet investigattivi u jiskambja fehmiet magħhom fil-livell politiku ([61]).

110. Il-Kumitat iqis li huwa importanti li jinżamm kuntatt regolari mal-istituzzjonijiet tal-UE u mas-sħab u mal-partijiet ikkonċernati tal-OLAF sabiex jittejjeb il-fluss tal-informazzjoni u jinkiseb feedback dwar il-prestazzjoni tal-OLAF. Il-Kumitat u s-Segretarjat tiegħu kienu f'kuntatt ma': (i) l-Ombudsman Ewropew (parteċipazzjoni fil-laqgħa plenarja tal-Kumitat tad-9 ta' Lulju 2024); (ii) il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Ġlieda Kontra l-Frodi (GAF, Group Against Fraud) (preżentazzjoni tar-rapport annwali tal-2023 mill-President fit-18 ta' Lulju 2024); (iii) il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT, Committee on Budgetary Control) tal-Parlament Ewropew (preżentazzjoni tar-rapport annwali tal-Kumitat għall-2023 mill-President fil-5 ta' Settembru 2024). Il-President tal-Kumitat ipparteċipa wkoll fil-Konferenza tal-OLAF-UPPE fit-22 ta' April 2024 u r-relatur tas-servizz ta' koordinazzjoni kontra l-frodi (AFCOS, Anti-Fraud Coordination Service) ipparteċipa fil-Konferenza tal-AFCOS tal-OLAF tal-2024 fis-16 ta' Ottubru 2024.

111. Il-Kumitat ipparteċipa wkoll fl-iskambju interistituzzjonali annwali ta' fehmiet dwar l-OLAF li sar fit-3 ta' Diċembru 2024 u ffoka fuq l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) mill-atturi tal-UE kontra l-frodi. Il-Kumitat ipparteċipa b'mod attiv fil-laqgħa, filwaqt li rrikonoxxa l-benefiċċji potenzjali li jirriżultaw mill-użu ta' algoritmi awtomatiċi fid-detezzjoni tal-frodi u fis-simplifikazzjoni tal-investigazzjonijiet. Fl-applikazzjoni l-aktar sempliċi tagħha, l-IA tista' tawtomatizza l-kompiti ripetittivi u tappoġġa lill-persunal tal-OLAF fil-valutazzjoni u fil-fehim tal-oqfsa legali nazzjonali differenti. F'każijiet aktar avvanzati, l-użu tal-IA iżid il-kapaċitajiet fl-ipproċessar ta' volumi kbar ta' data b'mod aktar effiċjenti u aktar bir-reqqa minn qabel. F'konformità mal-mandat speċifiku tiegħu, il-Kumitat enfasizza li l-użu tal-IA għandu jinkludi konformità mal-limiti imposti mill-qafas legali, mal-ġurisprudenza u mal-istandards etiċi. Huwa ssottolinja wkoll ir-riskji inkorporati fl-użu tal-IA, f'termini ta' preġudizzju, spjegabbiltà u trasparenza, flimkien mal-kwistjoni tal-kostijiet u l-ħtieġa konsegwenti ta' finanzjament adegwat.

4 **Amministrazzjoni u riżorsi**

4.1 *Metodi ta' ħidma tal-Kumitat ta' Sorveljanza*

112. Fl-2024, il-Kumitat kellu 11-il laqgħa plenarja, jew ibrida jew personali ([62]). Għal kull kwistjoni importanti li eżamina, il-Kumitat ħatar relatur. Ir-relaturi ħadmu mas-Segretarjat biex iħejju abbozzi ta' rapporti għal diskussjoni fil-laqgħat plenarji, u kellhom ukoll laqgħat informali u formali mal-persunal rilevanti tal-OLAF u mas-Segretarjat dwar l-abbozzar ta' opinjonijiet. Il-President, ir-relaturi u l-membri tas-Segretarjat iltaqgħu wkoll b'mod regolari sabiex jaħdmu fuq kwistjonijiet partikolari.

113. Wara r-riżenja tas-Sur Cretin mill-pożizzjoni tiegħu f'Lulju 2024, il-Kumitat kompla jaħdem ma' erba' membri sal-aħħar tas-sena. Il-membru li jissostitwixxi lis-Sur Cretin għall-bqija tal-mandat tiegħu se jinħatar mil-lista ta' riżerva inkluża fid-Deċiżjoni li taħtar il-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF ([63]) adottata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fit-28 ta' Marzu 2022.

([61]) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 883/2013: "Il-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jindirizza opinjonijiet lid-Direttur Ġenerali, inkluż meta xieraq, rakkomandazzjonijiet dwar fost l-oħrajn ir-riżorsi meħtieġa biex titwettaq il-funzjoni investigattiva tal-Uffiċċju, dwar il-prijoritajiet investigattivi tal-Uffiċċju u dwar it-tul tal-investigazzjonijiet. Dawk l-opinjonijiet jistgħu jingħataw fuq inizjattiva tiegħu stess, fuq talba tad-Direttur Ġenerali jew fuq t**alba ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija**, madanakollu minghajr ma jfixklu t-twettiq tal-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. […]
[...] L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji għandhom jiġu pprovduti b'kopja ta' opinjonijiet mogħtija skont it-tielet subparagrafu".

([62]) Minn Jannar sa Diċembru tal-2024.

([63]) Deċiżjoni (UE, Euratom) 2022/521 tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2022 li taħtar il-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

4.2 ***Is-Segretarjat***

114. Matul l-2024, is-Segretarjat kompla jappoġġa lill-membri tal-Kumitat fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, u b'hekk saħħaħ l-indipendenza tal-OLAF. Il-Kumitat ifakkar, bħal fir-rapport preċedenti ([64]), l-importanza li s-Segretarjat ikollu biżżejjed riżorsi biex jappoġġa lill-Kumitat ta' Sorveljanza kif ukoll lill-Kontrollur tal-garanziji proċedurali u biex jippreżerva s-separazzjoni tal-kompiti meħtieġa bejn iż-żewġ korpi. Wara l-iskambju tas-sena l-oħra bejn il-Kumitat u s-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea fuq din il-kwistjoni, is-Segretarju Ġenerali assigura lill-Kumitat li se jiġi pprovdut bl-appoġġ mitlub.

115. Matul il-perjodu ta' rappurtar, is-Segretarjat nieda żewġ proċessita' reklutaġġ. Fl-ewwel trimestru tal-2025, żewġ persuni huma mistennija jingħaqdu mas-Segretarjat.

116. Il-Kumitat kien involut f'dawn il-proċessi ta' reklutaġġ. L-uffiċjali assenjati lis-Segretarjat qatt ma għandhom ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet dwar l-eżerċitar tal-funzjonijiet ta' monitoraġġ tal-Kumitat mingħand kwalunkwe gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija. L-involviment tal-Kumitat f'dawn ir-reklutaġġi jiżgura u jiggarantixxi l-indipendenza tal-proċess tal-għażla.

117. Matul is-sena kollha, is-Segretarjat, bħall-bqija tal-Kummissjoni, kompla jopera b'mod ibridu, billi għaqqad ix-xogħol fuq il-post u dak mill-bogħod, u wettaq il-programm ta' ħidma kif miftiehem mal-Kumitat ta' Sorveljanza.

118. Is-Segretarjat jibqa' jkun marbut b'mod amministrattiv (minn Marzu 2017) mal-Uffiċċju għall-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali tal-Kummissjoni Ewropea (PMO, Paymaster Office), għalkemm jinsab f'żona ta' sigurtà separata fil-bini tal-OLAF. Il-Kumitat esprima d-dubji tiegħu f'ħafna okkażjonijiet fil-passat dwar jekk l-hemża "ibrida" tas-Segretarjat tiegħu mal-PMO hijiex l-aktar post xieraq.

4.3 ***Kwistjonijiet baġitarji***

119. Il-baġit tal-Kumitat għall-2024 kien ta' EUR 200 000. L-ammont reali żborżat sa tmiem l-2024 kien ta' EUR 160 580,99, li huwa madwar 80 % tal-ammont totali.

120. L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'sottodelega responsabbli għan-nefqa huwa d-Direttur tal-PMO.

([64]) Rapport Annwali tal-2023 tal-Kumitat ta' Sorveljanza, il-paragrafu 49.